IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2013
COM(2013) 327 final

2013/0169 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE

{SWD(2013) 194 final}
{SWD(2013) 195 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- - Il-kuntest ġenerali

  Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għal qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020[1] li ġiet emendata fis-6 ta' Lulju 2012[2]. Filwaqt li tikkonsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropea tas-7/8 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni qed tipproponi ammont massimu ta' EUR 1 891,936 miljun għan-nefqa marbuta mal-ikel u l-għalf matul il-perjodu kollu bejn l-2014 u l-2020. L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jimmodernizza d-dispożizzjonijiet finanzjarji għal dan il-qasam.

  Il-qafas legali finanzjarju prinċipali użat bħalissa għall-finanzjament ta' dawn l-oqsma huwa d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE għal programmi veterinarji ta' qerda u miżuri veterinarji ta' emerġenza, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE għal miżuri għas-saħħa tal-pjanti u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal miżuri ta' finanzjament għall-kontrolli uffiċjali. Aktar dispożizzjonijiet finanzjarji speċifiċi jeżistu fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq l-ikel u l-għalf li joriġina minn pjanti u annimali, fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, fid-Direttiva 2009/128/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi kif ukoll f'għadd ta' Direttivi tal-Kunsill oħra relatati mas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali.

  Dan il-qafas frammentat mhuwiex konformi ma' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u huwa pjuttost kumpless. Dan evolva maż-żmien u jeħtieġ li jiġi razzjonalizzat.

  Din hija opportunità biex id-dispożizzjonijiet finanzjarji attwali f'diversi bażijiet legali jiġu sostitwiti minn qafas finanzjarju uniku, ċar u modern li jottimizza l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-ġestjoni finanzjarja tan-nefqa fil-qasam tal-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-istrutturi tal-ġestjoni finanzjarja se jiġu ssemplifikati fuq il-bażi ta' objettivi u indikaturi ċari. Ir-rati ta' finanzjament se jkunu wkoll aktar ċari u aktar semplifikati.

  Din il-proposta hi parti mill-"Pakkett dwar Annimali u Pjanti aktar b'saħħithom għal Katina Alimentari Aktar Sikura" li jinkludi proposti għal dawn li ġejjin:

  – - il-politika tas-saħħa tal-annimali, li timmira li tħares u ttejjeb l-istatus tas-saħħa u l-kundizzjoni tal-annimali fl-UE, b'mod partikolari l-annimali li jipproduċu l-ikel, filwaqt li tippermetti l-kummerċ u l-importazzjoni intra-UE tal-annimali u l-prodotti tal-annimali skont l-istandards tas-saħħa xierqa u l-obbligi internazzjonali;

  – - ir-reġim tas-saħħa tal-pjanti, li l-objettiv tiegħu huwa li jħares l-agrikoltura tal-UE u l-forestrija billi jipprevjeni d-dħul u l-firxa ta' pesti tal-pjanti mhux endemiċi;

[1] COM(2011) 398 finali.
[2] COM(2012) 388 finali.

– - ir-reġim għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti tal-ispeċi agrikola, veġetali, tal-foresti, tal-frott, tad-dwieli u ornamentali, li jiżgura li l-kriterji tal-UE għas-saħħa, l-identità, u l-kwalità jintlaħqu;

– - ir-regoli li jirregolaw il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-ikel u l-liġi dwar l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-pestiċidi.

- - L-enfasi tal-azzjonijiet/tan-Nefqa

Il-programmi veterinarji ta’ qerda huma essenzjali biex jiġi eliminat progressivament għadd ta’ mard tal-annimali elenkat li hu endemiku f'ċerti żoni tal-Unjoni, permezz ta' firxa wiesgħa ta' miżuri li jinkludu t-tilqim, l-ittestjar tal-annimali u l-kumpens għat-tbiċċir u l-qtil. Il-finanzjament tal-UE biex jappoġġja dawn il-miżuri jagħti prijorità lil mard ta' importanza għas-saħħa pubblika u l-mard li jkollu impatti ekonomiċi kbar, minħabba l-implikazzjonijiet kummerċjali u t-telf tad-dħul għall-bdiewa, għall-industrija tal-bhejjem in ġenerali, kif ukoll għas-setturi kontigwi.

Ir-reġimi tal-UE għas-saħħa tal-pjanti u tal-materjal riproduttiv tal-pjanti jagħtu prijorità għall-ħarsien tal-agrikoltura u tal-forestrija tal-UE permezz tal-prevenzjoni tad-dħul u tal-firxa ta’ pesti mhux endemiċi tal-pjanti u għad-disponibbiltà u għall-użu ta' materjali tal-pjanti b'saħħithom fil-bidu tal-katina tal-produzzjoni tal-pjanti.

In-nefqa għall-kontrolli uffiċjali tinkludi l-finanzjament tal-programm ta' Taħriġ Aħjar għal Ikel Aktar Sikur, li jippromwovi approċċ armonizzat għall-funzjonament ta' sistemi ta' kontroll nazzjonali u tal-Unjoni; u tan-netwerk ta' Laboratorji ta' Referenza tal-UE, li jipprovdi kompetenza xjentifika u teknika f'dawk l-oqsma fejn l-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali tiddependi fuq il-kwalità, l-uniformità u l-affidabbiltà tal-metodi tal-analiżi jew tat-testijiet, u r-riżultati tagħhom, użati minn laboratorji uffiċjali. In-nefqa tinkludi wkoll azzjonijiet oħra maħsuba biex itejbu l-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri kif ukoll, b'mod ġenerali, l-infurzar tal-acquis tal-katina agroalimentari.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- - Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Minħabba li dawn il-politiki ilhom taħt reviżjoni għal xi żmien, dawn huma individwalment appoġġjati mill-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom stess, u d-dettalji ta' dawn il-politiki ġew diskussi b’mod estensiv mal-partijiet interessati f’diversi fora ta' konsultazzjoni.

- - Il-valutazzjoni tal-impatt aċċellerata

  Bejn Awwissu u Settembru 2012 twettqet valutazzjoni tal-impatt mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi. Din ikkunsidrat erba' alternattivi:

  – - Alternattiva 1: l-ebda bidla. Il-qafas legali attwali mhuwiex se jkun konsistenti mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. In-nefqa fuq is-saħħa tal-pjanti ma setgħetx tiżdied.

  – - Alternattiva 2: il-leġiżlazzjoni eżistenti tingħabar fi strument leġiżlattiv wieħed. Din se tippromwovi leġiżlazzjoni aktar sempliċi u aktar komprensibbli, iżda mhux se tippermetti li l-qafas finanzjarju jiġi adattat.

  – - Alternattiva 3 (a): jiġi stabbilit programm finanzjarju uniku u koerenti, l-aktar bl-użu tad-dispożizzjonijiet finanzjarji eżistenti iżda billi jittejbu. Is-semplifikazzjoni tas-sistema u l-armonizzazzjoni tar-rati se jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-Kummissjoni u fuq l-Istati Membri. L-għodod ġodda għall-ġestjoni finanzjarja bħal objettivi u indikaturi ċari se jużaw ir-riżorsi disponibbli b'mod aktar effettiv.

  – - Alternattiva 3 (b): l-introduzzjoni ta' aspetti tal-Iskemi ta' Qsim tal-Ispejjeż u tar-Responsabbiltà (CRSS). Din l-alternattiva tipprevedi approċċ parteċipatorju meta l-awtoritajiet pubbliċi jaqsmu mas-settur privat il-piż tat-telf imġarrab kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tas-sistema. Il-piż amministrattiv se jkun mistenni jiżdied f'qasir żmien u s-sistema hi mistennija li tkun diffiċli biex tiġi ġestita.

  – - Alternattiva 4: jitwaqqfu l-azzjonijiet kollha tal-UE. Din l-alternattiva ma tqisitx bħala xierqa għaliex se tikkompromettі l-objettivi tal-oqsma tal-politika u se jkollha impatt negattiv ferm fuq il-kummerċ.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 43(2) u 168(4)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-miżuri adottati skont l-Artikolu 43(2) għandhom ikunu meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika agrikola komuni. Il-miżuri adottati skont l-Artikolu 168(4)(b) għandu jkollhom bħala l-għan tagħhom livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Din il-proposta timmira li tappoġġja finanzjarjament l-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri bl-għan li tiżgura livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina alimentari u livell għoli ta' protezzjoni u informazzjoni għall-benefiċċju tal-konsumaturi tal-katina alimentari. L-għażla tal-Artikoli 43(2) u 168(4)(b) tat-TFUE għalhekk hija ġġustifikata kemm mill-objettiv kif ukoll mill-kontenut tal-proposta. Din il-proposta għandha tiġi adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jiġu kkonsultati l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għal qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020[3] li ġiet emendata fis-6 ta' Lulju 2012[4]. Filwaqt li tikkonsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropea tas-7/8

[3] COM(2011) 398 finali.
[4] COM(2012) 388 finali.

ta' Frar 2013, il-Kummissjoni qed tipproponi ammont massimu ta' EUR 1 891,936 miljun għan-nefqa marbuta mal-ikel u l-għalf matul il-perjodu kollu bejn l-2014 u l-2020. Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità, mill-2008 il-Kummissjoni inkarigat lill-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi bil-kompiti tal-implimentazzjoni għall-ġestjoni tal-Programm tal-Ikel u l-Għalf. Il-Kummissjoni tista' tuża, fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, aġenzija eżekuttiva eżistenti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Programm.

5. SOMMARJU TAL-KONTENUT TA' DAN IR-REGOLAMENT

Dan ir-Regolament jipprevedi l-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi għan-nefqa tal-ikel u l-għalf sa limitu massimu ta' EUR 1 891,936 miljun bil-prezzijiet attwali. L-objettivi huma livell għoli ta' sikurezza tal-ikel u tas-sistema tal-produzzjoni tal-ikel, it-titjib tas-saħħa u tat-trattament xieraq tal-annimali, l-individwazzjoni u l-qerda tal-pesti, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-kontrolli uffiċjali. Dawn l-objettivi huma akkumpanjati bl-indikaturi tagħhom.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-miżuri u l-ispejjeż eliġibbli.

Ir-rati ta' finanzjament għall-għotjiet huma razzjonalizzati. Ir-rata standard ta' finanzjament hija stabbilita għal 50 % tal-ispejjeż eliġibbli. Din ir-rata tista' tiżdied skont ċerti kundizzjonijiet sa 75 % u 100 %. Sabiex jiġi evitat il-piż amministrattiv tal-ġestjoni ta' mikroprogrammi, dan ir-Regolament jistabbilixxi ammont minimu għal għotjiet ta' EUR 50 000.

Dan ir-Regolament jipprevedi wkoll l-aċċess għar-Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu f'ċerti ċirkostanzi.

Fir-rigward tas-saħħa tal-pjanti, sabiex l-UE titħares kontra l-pesti marbuta *inter alia* mal-globalizzazzjoni tal-kummerċ u t-tibdil fil-klima, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni se tkopri wkoll programmi ta' stħarriġ għall-preżenza ta' pesti u miżuri ta' appoġġ fitosanitarji għat-territorji ultraperiferiċi tal-Istati Membri.

Dan ir-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li jappoġġja l-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni u proġetti mmirati biex itejbu l-effikaċja u l-effiċjenza tal-kontrolli uffiċjali.

Għal raġunijiet ta' ċarezza u trasparenza, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri ta' sottomissjoni u evalwazzjoni ta' programmi ta' kontroll annwali u pluriennali u l-proċedura biex tiġi stabbilita jew aġġornata l-lista ta' mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti eliġibbli għal kofinanzjament.

Il-proċeduri għal finanzjament ta' dawn l-oqsma huma semplifikati. B'mod partikolari, l-għadd ta' deċiżjonijiet li se jkollha tadotta l-Kummissjoni se jonqos b'mod sinifikanti. Pereżempju d-deċiżjonijiet ta' rimborż mhumiex se jibqgħu jittieħdu mill-Kummissjoni. Proposta għal

2013/0169 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(2) u 168(4)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[5],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[7],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi rekwiżiti dwar l-ikel u s-sikurezza tal-ikel u l-għalf u s-sikurezza tal-għalf, fl-istadji kollha tal-produzzjoni, inklużi r-regoli mmirati biex jiggarantixxu prattiki ġusti fil-kummerċ u l-għoti tal-informazzjoni lill-konsumaturi. Din tipprevedi wkoll ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed fl-annimali u ż-żoonożi, u r-rekwiżiti rigward it-trattament xieraq tal-annimali, il-prodotti sekondarji tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, il-protezzjoni ta' varjetajiet ta' pjanti, l-organiżmi ġenetikament modifikati u t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi wkoll il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet oħra ta' kontroll immirati biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' dawk ir-rekwiżiti u l-konformità magħhom.

(2) L-objettiv ġenerali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dawk l-oqsma huwa li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina alimentari, livell għoli ta' protezzjoni u informazzjoni għall-konsumaturi u livell għoli ta' protezzjoni ambjentali filwaqt li tiffavorixxi l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Sabiex jintlaħaq dak l-objettiv ġenerali jinħtieġu riżorsi finanzjarji xierqa. Għalhekk, jeħtieġ li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri meħuda fl-oqsma differenti li jappartjenu għal dak l-objettiv ġenerali. Barra minn hekk, sabiex l-użu tan-nefqa jiġi mmirat b'mod effiċjenti, għandhom jiġu stabbiliti objettivi speċifiċi u indikaturi sabiex tiġi vvalutata l-kisba ta' dawk l-objettivi.

---

5 ĠU C , , p. .
6 ĠU C , , p. .
7 ĠU C , , p. .

(4) Fl-imgħoddi, il-finanzjament tal-Unjoni għan-nefqa marbuta mal-ikel u l-għalf kellu l-forma ta' għotjiet, akkwisti u pagamenti lil organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam. Huwa xieraq li l-finanzjament jissokta bl-istess mod.

(5) Għal raġunijiet ta' dixxiplina baġitarja, jeħtieġ li f'dan ir-Regolament tiġi stabbilita l-lista ta' miżuri eliġibbli li jistgħu jibbenefikaw minn kontribuzzjoni tal-Unjoni kif ukoll l-ispejjeż eliġibbli u r-rati applikabbli.

(6) Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għal qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020[8] li ġiet emendata fis-6 ta' Lulju 2012[9]. Filwaqt li tikkonsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropea tas-7/8 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni qed tipproponi ammont massimu ta' EUR 1 891,936 miljun għan-nefqa marbuta mal-ikel u l-għalf matul il-perjodu kollu bejn l-2014 u l-2020.

(7) Barra minn hekk, fil-proposta tagħha għal qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' emerġenza bħala reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Konsegwentement, fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali bħal sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati mas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali, meta l-approprjazzjonijiet taħt l-intestatura baġitarja 3 ma jkunux suffiċjenti iżda jkunu meħtieġa miżuri ta' emerġenza, il-fondi mir-Riżerva għall-kriżi fis-settur agrikolu għandhom jiġu trasferiti b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-… bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[10].

(8) Il-leġiżlazzjoni li tinsab fis-seħħ tipprovdi li xi whud mill-ispejjeż eliġibbli jiġu rimborżati b'rati fissi, filwaqt li għal spejjeż oħrajn ma hemm l-ebda limitazzjoni prevista. Għal finijiet ta' razzjonalizzazzjoni u semplifikazzjoni tas-sistema, għandha tiġi stabbilita rata massima fissa għar-rimborż. Huwa xieraq li din ir-rata tiġi stabbilita bir-rata li normalment tiġi applikata għall-għotjiet. Huwa wkoll meħtieġ li tingħata l-possibbiltà li f'ċerti ċirkostanzi tiżdied din ir-rata massima.

(9) Minħabba l-importanza li jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li jiġu ffinanzjati 100 % tal-ispejjeż eliġibbli għal ċerti azzjonijiet b'kundizzjoni li l-implimentazzjoni ta' dawk l-azzjonijiet timplika wkoll il-ħlas ta' spejjeż mhux eliġibbli.

(10) L-Unjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-fondi jintefqu tajjeb iżda wkoll li tieħu miżuri biex twieġeb għall-ħtieġa li tissemplifika l-programmi ta' nfiq tagħha sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-benefiċjarji tal-fondi u għall-atturi kollha involuti, skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea[11]. Għal raġunijiet ta' kost-effettività, kemm fil-livell tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri, l-għotjiet taħt ċertu limitu massimu ma għandhomx jingħataw aktar.

(11) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tirrikjedi li l-Istati Membri jimplimentaw ċerti miżuri fil-każ tal-okkorrenza u l-iżvilupp ta' ċertu mard tal-annimali jew żoonożi. Għalhekk, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għal tali miżuri ta' emerġenza.

---

8 COM(2011) 398 finali.
9 COM(2012) 388 finali.
10 ĠU C , , p. .
11 COM(2010) 543 finali.

(12) Jinħtieġ ukoll li, permezz ta' miżuri xierqa ta' qerda, kontroll u monitoraġġ jitnaqqas l-għadd ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali u żoonożi li huma ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, kif ukoll li ssir prevenzjoni tal-okkorrenza ta' tali tifqigħat. Il-programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' tali mard u żoonożi għandhom għalhekk jibbenefikaw minn finanzjament mill-Unjoni.

(13) Għal raġunijiet organizzattivi u ta' effiċjenza fir-rigward tal-immaniġġar tal-finanzjament fl-oqsma tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar il-kontenut, il-preżentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali, inklużi dawk implimentati fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Għall-istess raġunijiet, għandhom jiġu stabbiliti wkoll l-iskadenzi għar-rappurtar u l-preżentazzjoni ta' talbiet għall-ħlas.

(14) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità[12] tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu ċerti miżuri ta' emerġenza għall-qerda ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti ("il-pesti"). L-Unjoni għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-qerda ta' dawk il-pesti. Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun disponibbli wkoll taħt ċerti kundizzjonijiet għall-miżuri ta' emerġenza mmirati biex irażżnu l-pesti li għandhom l-aktar impatt serju fuq l-Unjoni u li ma jistgħux jinqerdu f'ċerti żoni u għall-miżuri ta' prevenzjoni li jikkonċernaw dawk il-pesti.

(15) Il-miżuri ta' emerġenza meħuda kontra l-pesti għandhom ikunu eliġibbli għal kofinanzjament mill-Unjoni jekk dawk il-miżuri għandhom valur miżjud għall-Unjoni kollha kemm hi. Għal din ir-raġuni, kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandha tkun disponibbli għall-pesti li l-preżenza tagħhom ma ġietx individwata fl-Unjoni, elenkati fid-Direttiva 2000/29/KE. Fir-rigward tal-pesti li l-preżenza tagħhom ġiet individwata fl-Unjoni, għandhom ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni biss il-miżuri relatati mal-pesti li għandhom l-aktar impatti serji fuq l-Unjoni. Il-miżuri relatati mal-pesti suġġetti għal miżuri ta' emerġenza tal-Unjoni għall-qerda tagħhom, għandhom ukoll ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

(16) Jinħtieġ li tiġi individwata f'waqtha l-preżenza ta' ċerti pesti. L-istħarriġ imwettaq mill-Istati Membri għal preżenza bħal din huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-qerda immedjata ta' tifqigħat ta' dawn il-pesti. L-istħarriġiet imwettqa minn Stati Membri individwali huwa essenzjali biex jitħares it-territorju tal-Istati Membri l-oħra kollha. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' dawn l-istħarriġiet.

(17) Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Istati Membri esperjenzaw diffikultajiet minħabba li jinsabu mbegħdin u jiddependu fuq għadd limitat ta' prodotti. Huwa xieraq li l-Unjoni tikkontribwixxi finanzjarjament għall-programmi tal-Istati Membri li huma jwettqu għall-kontroll tal-pesti f'dawk ir-reġjuni ultraperiferiċi skont l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 228/2013[13] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar il-bogħod tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006.

(18) Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri huma għodda essenzjali biex jiġi vverifikat u ssorveljat li r-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni qed jiġu implimentati, imħarsa u infurzati. L-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali huma vitali

[12] ĠU L 169, 10.7.2000., p. 1.
[13] ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23.

sabiex jinżamm livell għoli ta' sikurezza għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina alimentari filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent. Appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għandu jkun disponibbli għal tali miżuri ta' kontroll. B'mod partikolari, kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkun disponibbli għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni sabiex tgħinhom isostnu l-ispejjeż li jinqalgħu minħabba l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, billi l-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali tiddependi wkoll fuq id-disponibbiltà għall-awtoritajiet ta' kontroll ta' persunal imħarreġ tajjeb li jkollu għarfien xieraq tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tkun kapaċi tikkontribwixxi għat-taħriġ tagħhom kif ukoll għall-programmi ta' skambju rilevanti organizzati minn awtoritajiet kompetenti.

(19) Il-ġestjoni effiċjenti tal-kontrolli uffiċjali tiddependi fuq skambju rapidu ta' dejta u informazzjoni relatati ma' tali kontrolli. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni korretta u armonizzata tar-regoli rilevanti tiddependi fuq it-twaqqif ta' sistemi effiċjenti li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Għaldaqstant, it-twaqqif u t-tħaddim ta' bażijiet ta' dejta u sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni tal-informazzjoni għal dawn l-iskopijiet għandhom ikunu wkoll eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja.

(20) L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli l-iffinanzjar għal attivitajiet tekniċi, xjentifiċi, ta' koordinazzjoni u ta' komunikazzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u biex jiġi żgurat l-adattament tal-leġiżlazzjoni għall-iżviluppi xjentifiċi, teknoloġiċi u soċjali. Il-finanzjament għandu jkun disponibbli wkoll għal proġetti bl-għan li jitjiebu l-effikaċja u l-effiċjenza tal-kontrolli uffiċjali.

(21) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[14], kull proposta ppreżentata lill-awtorità leġiżlattiva li tinkludi derogi mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandha tindika b'mod ċar dawn id-derogi u tagħti r-raġunijiet speċifiċi li jiġġustifikawhom. Għaldaqstant, minħabba l-ispeċifiċitajiet ta' ċerti objettivi koperti b'dan ir-Regolament u meta jitqies li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tal-Istati Membri huma fl-aħjar pożizzjoni biex jimplimentaw l-attivitajiet assoċjati ma' dawk l-objettivi, dawk l-awtoritajiet għandhom jitqiesu bħala benefiċjarji identifikati għall-finijiet tal-Artikolu 128(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Għalhekk, jista' jkun possibbli li jingħataw għotjiet lil tali awtoritajiet mingħajr pubblikazzjoni preċedenti tas-sejħiet għal proposti.

(22) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 86 u bħala eċċezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 130 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għall-miżuri ta' emerġenza koperti bl-Artikoli 7 u 17 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli mid-data ta' notifika tal-okkorrenza ta' marda jew il-preżenza ta' pest mill-Istat Membru lill-Kummissjoni minħabba n-natura urġenti u mhux prevedibbli ta' dawk il-miżuri. L-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli għandhom isiru mill-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-pagamenti ppreżentati mill-Istati Membri, bl-użu, jekk ikun xieraq u meħtieġ, tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu.

(23) Huwa ta' importanza kbira li tali miżuri ta' emerġenza jiġu implimentati minnufih. Għalhekk ikun kontroproduttiv li jiġu eskluż mill-finanzjament dawk l-ispejjeż

[14] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

imġarrba qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-għotja, peress li dan jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jiffukaw l-isforzi immedjati tagħhom fuq it-tħejjija ta' applikazzjoni tal-għotja, minflok fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza.

(24) Minħabba l-firxa tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ rigward l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' qerda u sorveljanza u l-limitazzjonijiet tekniċi fir-rigward ta' kompetenzi oħra disponibbli, l-implimentazzjoni tal-miżuri koperti b'dan ir-Regolament għandha ssir fil-biċċa l-kbira mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Għaldaqstant, jeħtieġ li f'ċerti każijiet jiġu kofinanzjati l-ispejjeż tas-salarji tal-persunal tal-amministrazzjonijiet nazzjonali.

(25) L-ipprogrammar jippermetti l-koordinazzjoni u l-prijoritizzazzjoni u għalhekk jikkontribwixxi għal użu effettiv tar-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tingħata s-setgħa li tadotta programmi ta' ħidma għall-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri previsti f'dan ir-Regolament.

(26) Sabiex tiżgura l-użu responsabbli u effettiv tar-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tivverifika li l-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod effettiv għall-implimentazzjoni ta' miżuri eliġibbli jew b'verifiki fuq il-post jew permezz ta' kontrolli tad-dokumenti.

(27) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jitħarsu tul iċ-ċiklu kollu tan-nefqa, inklużi l-prevenzjoni, l-individwazzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, mħallsa ħażin jew użati ħażin.

(28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom ikunu konferiti fuq il-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil u l-emenda tal-listi tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi li jikkwalifikaw għall-finanzjament mill-Unjoni, kif ukoll it-twaqqif ta' programmi ta' ħidma. Meta temenda l-lista ta' mard tal-annimali li jikkwalifikaw għall-finanzjament tal-miżuri ta' emerġenza, il-Kummissjoni għandha tqis il-mard tal-annimali li jrid jiġi notifikat skont id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard tal-annimali fil-Komunità[15]. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[16].

(29) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni tal-listi tal-bidu tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi li jikkwalifikaw għal finanzjament fil-qasam tas-saħħa tal-annimali, minħabba li dawk il-listi tal-bidu għandu jkun fihom biss, mingħajr ebda modifika, il-mard tal-annimali u ż-żoonożi li diġà jikkwalifikaw għal tali finanzjament skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju[17].

(30) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tkun ġestita u implimentata b'tali mod li tiżgura li tipproduċi l-benefiċċji maħsuba, fid-dawl tal-esperjenza. Huwa għalhekk xieraq li l-Kummissjoni tevalwa l-funzjonament u l-effikaċja ta' dan ir-Regolament u li tikkomunika r-riżultati lill-istituzzjonijiet l-oħra.

(31) Kumitati differenti jassistu lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-Unjoni koperti minn dan ir-Regolament, partikolarment il-Kumitati stabbiliti permezz tad-

[15] ĠU L 378, 31.12.1982, p. 58.
[16] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
[17] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

Deċiżjoni tal-Kunsill 66/399/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar l-iffurmar tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikoltura u l-Foresterija[18], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/894/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 li waqqfet Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti[19], id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali[20], id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott[21] u r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel[22]. Huwa xieraq li tiġi ssemplifikata l-proċedura tal-Kumitat f'dan il-qasam u li l-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jingħata l-kompitu li jassisti l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha fir-rigward tan-nefqa imġarrba fl-oqsma rilevanti u biex tadatta l-isem ta' dak il-Kumitat sabiex jirrifletti l-kompiti estiżi tiegħu. Għaldaqstant, id-Deċiżjonijiet 66/399/KEE u 76/894/KEE għandhom jitħassru u d-Direttivi 98/56/KE u 2008/90/KE u r-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(32) Dan ir-Regolament jieħu post id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2009/470/KE. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jissostitwixxi l-Artikolu 13c(5) u l-Artikoli minn 22 sa 26 tad-Direttiva 2000/29/KE, l-Artikolu 66 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tad-29 ta' April 2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali[23], l-Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pesti fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE[24], l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi[25] u l-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE[26]. Id-Direttiva 2000/29/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) 1107/2009 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

18 ĠU 125, 11.7.1966, p. 2289/66.
19 ĠU L 340, 9.12.1976, p. 25.
20 ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16.
21 ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8.
22 ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
23 ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
24 ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
25 ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71.
26 ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

TITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

KAPITOLU I
SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U OBJETTIVI

Artikolu 1
Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma koperti mir-regoli tal-Unjoni:

(a) li jirregolaw l-ikel u s-sikurezza tal-ikel, f'kull stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u r-rimi tal-ikel, inklużi r-regoli mmirati biex jiggarantixxu l-prattiki ġusti fil-kummerċ u jħarsu l-interessi u l-informazzjoni tal-konsumaturi, u l-manifattura u l-użu ta' materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel;

(b) li jirregolaw l-għalf u s-sikurezza tal-għalf, fl-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u r-rimi tal-għalf u l-użu tal-għalf, inklużi regoli mmirati biex jiggarantixxu l-prattiki ġusti fil-kummerċ u jħarsu l-interessi u l-informazzjoni tal-konsumaturi;

(c) li jistabbilixxu r-rekwiżiti għas-saħħa tal-annimali;

(d) li jistabbilixxu r-rekwiżiti għat-trattament xieraq tal-annimali;

(e) dwar il-miżuri protettivi kontra organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti kif definit fid-Direttiva 2000/29/KE (minn hawn 'il quddiem: "pesti");

(f) dwar il-produzzjoni, bil-ħsieb li jitqiegħdu fis-suq, u t-tqegħid fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti;

(g) li jistabbilixxu r-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi;

(h) li jimmiraw lejn il-prevenzjoni u l-imminimizzar tar-riskji għas-saħħa pubblika u tal-annimali kkawżati minn prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati;

(i) li jirregolaw ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati;

(j) dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fir-rigward tal-varjetajiet ta' pjanti kif ukoll il-konservazzjoni u l-iskambju ta' riżorsi ġenetiċi tal-pjanti.

Artikolu 2
Objettivi

1. In-nefqa msemmija fl-Artikolu 1 għandha timmira li tilħaq:

   (a) l-objettiv ġenerali li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina tal-ikel u f'oqsma relatati u livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi u l-ambjent filwaqt li tippermetti lill-industrija tal-ikel u tal-għalf fl-Unjoni li topera f'ambjent li jiffavorixxi l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi;

(b) l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(i) li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sikurezza tal-ikel u tas-sistemi ta' produzzjoni tal-ikel u ta' prodotti oħra li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza tal-ikel, filwaqt li ttejjeb is-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel;

(ii) li tikkontribwixxi għal istatus tas-saħħa tal-annimali ogħla fl-Unjoni u li tappoġġja t-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali;

(iii) li tikkontribwixxi għall-individwazzjoni f'waqtha tal-pesti u l-qerda tagħhom fejn dawk il-pesti jkunu daħlu fl-Unjoni;

(iv) li tikkontribwixxi biex jitjiebu l-effikaċja, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet oħra mwettqa fid-dawl tal-implimentazzjoni effettiva tar-regoli tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 u l-konformità magħhom.

2. Sabiex titkejjel il-kisba tal-objettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jintużaw l-indikaturi li ġejjin:

(a) għall-objettiv speċifiku fil-paragrafu 1(b)(i), it-tnaqqis tal-għadd ta' każijiet ta' mard fil-bnedmin fl-Unjoni u li huma marbuta mas-sikurezza tal-ikel jew maż-żoonożi;

(b) għall-objettiv speċifiku fil-paragrafu 1(b)(ii):

(i) iż-żieda fl-għadd ta' Stati Membri jew reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-mard tal-annimali li għalih tingħata kontribuzzjoni finanzjarja;

(ii) tnaqqis kumplessiv tal-parametri tal-mard bħalma huma l-inċidenza, il-prevalenza u l-għadd ta' tifqigħat;

(c) għall-objettiv speċifiku fil-paragrafu 1(b)(iii):

(i) il-kopertura tat-territorju tal-Unjoni permezz ta' stħarriġ għall-pesti, b'mod partikolari għall-pesti li l-preżenza tagħhom ma ġietx individwata fit-territorju tal-Unjoni u l-pesti meqjusa bħala l-aktar perikolużi għat-territorju tal-Unjoni;

(ii) iż-żmien u r-rata ta' suċċess għall-qerda ta' dawk il-pesti;

(d) għall-objettiv speċifiku fil-paragrafu 1(b)(iv), xejra favorevoli tal-eżitu tal-kontrolli f'oqsma partikolari ta' tħassib imwettqa u rrapportati minn esperti tal-Kummissjoni fl-Istati Membri.

KAPITOLU II
MODI TA' FINANZJAMENT U DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI ĠENERALI

Artikolu 3
Modi ta' finanzjament

1. Il-finanzjament mill-Unjoni għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 1 għandu jiġi implimentat b'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

2. Meta jingħataw għotjiet lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, dawn għandhom jiġu meqjusa bħala benefiċjarji identifikati skont it-tifsira tal-

Artikolu 128(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Tali għotjiet jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament tista' tieħu wkoll il-forma ta' pagamenti volontarji lil organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fl-oqsma koperti mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1, li tagħhom l-Unjoni hija membru jew tipparteċipa fil-ħidma tagħhom.

Artikolu 4
Baġit

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, il-limitu massimu għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 1 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ammont massimu ta' EUR 1 891,936 miljun bil-prezzijiet attwali.

2. Il-limitu massimu msemmi fil-paragrafu 1 jista' jkopri wkoll l-ispejjeż li jappartjenu għall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tan-nefqa msemmija fl-Artikolu 1 u l-kisba tal-objettivi tagħhom, b'mod partikolari l-istudji, il-laqgħat tal-esperti, l-ispejjeż marbuta man-netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, kif ukoll l-ispejjeż l-oħra kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva li jkunu saru mill-Kummissjoni għall-ġestjoni ta' dik in-nefqa.

3. Il-limitu massimu jista' jkopri wkoll l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn l-azzjonijiet adottati qabel u wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jekk hu meħtieġ, l-approprjazzjoni tista' tiddaħħal fil-baġit lil hinn mill-2020 biex tkopri l-ispejjeż simili, sabiex tippermetti l-ġestjoni tal-azzjonijiet li jkunu għadhom ma tlestewx sal-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 5
L-użu tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn il-miżuri ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza koperti mit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tat-Titolu II u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat-Titolu II tista' tiġi ffinanzjata wkoll skont il-punt (e) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru XXX/201X tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

Artikolu 6
Rati massimi u ammont minimu tal-għotjiet

1. Fejn il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tieħu l-forma ta' għotja, din ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

2. Ir-rata massima msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiżdied għal 75 % tal-ispejjeż eliġibbli għal:

   (a) attivitajiet transkonfinali implimentati flimkien minn żewġ Stati Membri jew aktar sabiex jikkontrollaw jew jeqirdu l-pesti jew il-mard tal-annimali;

   (b) L-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross għal kull abitant abbażi tal-aħħar dejta tal-Eurostat ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni;

3. Ir-rata massima msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiżdied għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli fejn l-attivitajiet li jibbenefikaw minn kontribuzzjoni tal-Unjoni:

   (a) jikkonċernaw il-kontroll ta' riskji serji għas-saħħa għall-Unjoni;

   (b) huma kompiti speċifiċi ta' importanza partikolari għall-Unjoni, kif ġie rikonoxxut espliċitament mill-Kummissjoni fil-programm ta' ħidma adottat skont l-Artikolu 35(1); jew

   (c) huma implimentati f'pajjiżi terzi.

4. Ma għandha tingħata l-ebda għotja ta' inqas minn EUR 50 000.

TITOLU II
DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

KAPITOLU I
IS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI

TAQSIMA 1
MIŻURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 7
Miżuri eliġibbli

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri sar-rati massimi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), (2) u (3) għall-miżuri meħuda f'każ li tiġi kkonfermata l-okkorrenza ta' waħda mill-mard tal-annimali elenkati skont l-Artikolu 8, b'kundizzjoni li l-miżuri jkunu ġew applikati immedjatament u d-dispożizzjonijiet applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni jkunu ġew imħarsa.

2. Jistgħu jingħataw għotjiet lil Stati Membri fejn, mal-konferma tal-okkorrenza ta' waħda mill-mard tal-annimali elenkati skont l-Artikolu 8, żewġ Stati Membri jew aktar jikkollaboraw mill-qrib biex jikkontrollaw l-epidemija.

3. Jistgħu jingħataw għotjiet lil Stati Membri, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għal miżuri ta' protezzjoni meħuda f'każ ta' theddida diretta għall-istatus tas-saħħa tal-Unjoni b'riżultat tal-okkorrenza jew l-iżvilupp, fit-territorju ta' pajjiż terz jew Stat Membru, ta' waħda mill-mard tal-annimali u ż-żoonożi elenkati skont l-Artikolu 8 jew 11.

4. L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi, fuq talba ta' Stat Membru, li għandhom jistabbilixxu ħażniet ta' prodotti bijoloġiċi maħsuba għall-kontroll tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi elenkati skont l-Artikoli 8 jew 11.

5. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni tista' tingħata għat-twaqqif ta' ħażniet ta' prodotti bijoloġiċi jew l-akkwist ta' dożi ta' vaċċin jekk l-okkorrenza jew l-iżvilupp f'pajjiż terz jew fi Stat Membru ta' waħda mill-mard tal-annimali u taż-żoonożi elenkati skont l-Artikolu 8 jew 11, jistgħu jikkostitwixxu theddida għall-Unjoni.

Artikolu 8
Lista ta' mard tal-annimali

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-lista ta' mard tal-annimali li jikkwalifikaw għal finanzjament skont l-Artikolu 7. Dik il-lista għandha tinkludi l-mard tal-annimali msemmija fl-Artikoli 3(1), 4(1), 6(2) u 14(1) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat b'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 39(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, temenda l-lista ta' mard tal-annimali stabbilita skont il-paragrafu 1, filwaqt li jitqies il-mard tal-annimali li jrid jiġi notifikat b'konformità mad-Direttiva 82/894/KEE u l-mard li x'aktarx

jikkostitwixxu theddida ġdida għall-Unjoni minħabba l-impatt sinifikanti tagħhom fuq:

(a) is-saħħa tal-bniedem;

(b) is-saħħa tal-annimali jew it-trattament xieraq tal-annimali; jew

(c) il-produzzjoni tal-agrikoltura jew tal-akkwakultura jew setturi relatati tal-ekonomija.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9
Spejjeż eliġibbli

1. L-ispejjeż li ġejjin li saru mill-Istati Membri fit-twettiq tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(1) jistgħu jkunu eliġibbli għal finanzjament, skont dak il-paragrafu:

(a) l-ispejjeż ta' kumpens għas-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula, fil-limitu tal-valur fis-suq tal-annimali immedjatament qabel ma jkunu tbiċċru jew inqatlu;

(b) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' oriġini mill-annimali, fil-limitu tal-valur fis-suq ta' dawk il-prodotti immedjatament qabel ma jinqerdu;

(c) l-ispejjeż ta' tindif, diżinsettizzazzjoni u diżinfezzjoni tal-azjendi u tat-tagħmir;

(d) l-ispejjeż għall-qerda tal-għalf kontaminat u, fejn ma jistax jiġi diżinfettat, it-tagħmir kontaminat;

(e) l-ispiża tax-xiri u l-amministrazzjoni tal-vaċċini jekk dawk ikunu deċiżi jew awtorizzati mill-Kummissjoni;

(f) l-ispejjeż tat-trasport tal-karkassi sal-impjanti tal-ipproċessar fejn applikabbli;

(g) f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, kull spiża oħra essenzjali għall-qerda tal-marda kif previst fid-deċiżjoni tal-finanzjament imsemmija fl-Artikolu 35(3) ta' dan ir-Regolament.

2. Bħala eċċezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 130(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għandhom ikunu eliġibbli mid-data tan-notifika tal-okkorrenza tal-marda mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

Wara valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-pagamenti ppreżentata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli.

TAQSIMA 2
PROGRAMMI GĦALL-QERDA, IL-KONTROLL U S-SORVELJANZA TAL-MARD TAL-ANNIMALI U TAŻ-ŻOONOŻI

Artikolu 10
Programmi eliġibbli

L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-programmi nazzjonali annwali jew pluriennali tal-Istati Membri għall-qerda, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi elenkati skont l-Artikolu 11 (minn hawn 'il quddiem il-"programmi nazzjonali").

Artikolu 11
Lista ta' mard tal-annimali u żoonożi

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi li jikkwalifikaw għal għotjiet skont l-Artikolu 10. Dik il-lista għandha tinkludi l-mard tal-annimali u ż-żoonożi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/470/KE. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat b'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 39(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, temenda l-lista stabbilita skont il-paragrafu 1, billi tqis

   (a) is-sitwazzjoni ta' mard tal-annimali li jkollu impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni tal-bhejjem jew il-kummerċ;

   (b) l-iżvilupp ta' żoonożi li huma ta' theddida għall-bnedmin; jew

   (c) l-iżvilupp epidemjoloġiku jew xjentifiku ġdid.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12
Spejjeż eliġibbli

L-ispejjeż li ġejjin li saru mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali jistgħu jkunu eliġibbli għall-għotjiet skont l-Artikolu 10:

(a) l-ispejjeż tat-teħid ta' kampjuni tal-annimali;

(b) l-ispejjeż tat-testijiet, b'kundizzjoni li dawn ikunu limitati għal:

   (i) spejjeż ta' kits tat-testijiet, reaġenti u oġġetti konsumabbli li huma identifikabbli u jintużaw apposta biex iwettqu dawk it-testijiet;

   (ii) spejjeż tal-persunal, irrispettivament mill-istatus tiegħu, li jkun direttament involut fit-twettiq tat-testijiet;

(c) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula fil-qafas tal-programm nazzjonali, fil-limitu tal-valur fis-suq tal-annimali immedjatament qabel ma jkunu tbiċċru jew inqatlu;

(d) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' oriġini mill-annimali, fil-limitu tal-valur fis-suq ta' dawk il-prodotti immedjatament qabel ma jinqerdu;

(e) l-ispejjeż tax-xiri u l-ħażna ta’ dożi ta’ vaċċin jew vaċċin u lixki għall-annimali użati għall-programmi;

(f) l-ispejjeż tal-inokulazzjoni tad-dożi ta' vaċċin għall-annimali domestiċi;

(g) l-ispejjeż ta' tqassim tal-vaċċini u l-lixki għall-annimali selvaġġi;

(h) l-ispejjeż ta' tindif, diżinfezzjoni, diżinsettizzazzjoni tal-azjenda u tat-tagħmir u bbażati fuq l-epidemjoloġija u l-karatteristiċi tal-patoġenu;

(i) f’każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, l-ispejjeż li jsiru fit-twettiq ta' miżuri neċessarji oħra għajr dawk imsemmija fil-punti minn (a) sa (h), sakemm tali miżuri jkunu stabbiliti fid-deċiżjoni tal-għotja msemmija fl-Artikolu 14(2).

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel sottoparagrafu, il-valur tal-irkupru tal-annimali, jekk ikun hemm, għandu jitnaqqas mill-kumpens.

Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel sottoparagrafu, il-valur tal-irkupru tal-bajd mhux inkubat ittrattat bis-sħana għandu jitnaqqas mill-kumpens.

Artikolu 13
Kontenut u preżentazzjoni tal-programmi nazzjonali

1. Kull sena, sal-31 ta' Mejju, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-programmi nazzjonali li jibdew fis-sena ta’ wara li għalihom japplikaw għal għotja.

   Il-programmi nazzjonali li jiġu ppreżentati wara l-31 ta’ Mejju ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament fis-sena ta’ wara.

2. Il-programmi nazzjonali għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

   (a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-marda tal-annimali jew taż-żoonożi qabel id-data tal-bidu tal-programm;

   (b) deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi u amministrattivi li fihom għandu jiġi applikat il-programm;

   (c) it-tul tal-programm;

   (d) il-miżuri li se jiġu implimentati;

   (e) l-istima baġitarja;

   (f) il-miri li għandhom jintlaħqu sad-data tat-tmiem tal-programm u l-benefiċċji mistennija minnu;

   (g) l-indikaturi xierqa biex titkejjel il-kisba tal-miri tal-programm.

   F’kull programm nazzjonali pluriennali, l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (g) tal-ewwel sottoparagrafu għandha tiġi pprovduta għal kull sena koperta mill-programm.

3. Jekk l-okkorrenza jew l-iżvilupp ta' waħda mill-mard tal-annimali jew iż-żoonożi elenkati skont l-Artikolu 11 x'aktarx li jkunu ta' theddida għall-istatus tas-saħħa tal-Unjoni u sabiex l-Unjoni titħares mill-introduzzjoni ta' waħda minn dawn il-mardiet jew iż-żoonożi, l-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-programmi nazzjonali tagħhom miżuri li għandhom jiġu implimentati fit-territorji ta' pajjiżi terzi ġirien b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' dawk il-pajjiżi.

Artikolu 14
Evalwazzjoni u approvazzjoni tal-programmi nazzjonali

1. Il-programmi nazzjonali għandhom jiġu evalwati billi jitqiesu l-prijoritajiet u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali msemmija fl-Artikolu 35(1) u, fejn xieraq, dawk deskritti fil-linji gwida annwali jew pluriennali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-programmi nazzjonali annwali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji kif imsemmija fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni tista' temenda tali deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu kollu ta' eliġibbiltà.

3. Il-programmi nazzjonali pluriennali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati sal-31 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

4. Fil-każ ta' approvazzjoni ta' programmi nazzjonali pluriennali skont il-paragrafu 3, l-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali. Fejn l-impenji baġitarji jinqasmu f'pagamenti annwali, il-Kummissjoni għandha tikkommetti l-pagamenti annwali filwaqt li tqis il-progress tal-programmi, l-istima tal-ħtiġijiet u l-baġit disponibbli.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida annwali jew pluriennali li jkun fihom il-kriterji u l-prijoritajiet veterinarji li jridu jintużaw fl-evalwazzjoni tal-programmi nazzjonali.

Artikolu 15
Rappurtar

Għal kull programm nazzjonali annwali jew pluriennali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Marzu kull sena, rapport dettaljat tekniku u finanzjarju annwali li jkopri s-sena preċedenti inklużi r-riżultati miksuba, imkejla abbażi tal-indikaturi msemmija fl-Artikoli 13(2)(g) u rendikont dettaljat tal-ispejjeż eliġibbli mwettqa.

Barra minn hekk, għal kull programm nazzjonali annwali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Lulju kull sena, rapporti tekniċi u finanzjarji intermedji.

Artikolu 16
Pagamenti

It-talba għal ħlas għal sena partikolari fir-rigward ta' programm nazzjonali għandha tiġi ppreżentata mill-Istat Membru lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara.

Il-Kummissjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-ispejjeż eliġibbli wara verifika xierqa tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 15.

KAPITOLU II
IS-SAĦĦA TAL-PJANTI

TAQSIMA 1
MIŻURI TA' EMERĠENZA

Artikolu 17
Miżuri eliġibbli

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri sar-rati massimi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), (2) u (3) għall-miżuri li ġejjin kontra l-pesti, suġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18:

   (a) il-miżuri biex jinqered pest minn żona infestata, meħuda mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 16(1) u 16(2) tad-Direttiva 2000/29/KE jew skont il-miżuri tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 16(3) ta' dik id-Direttiva;

   (b) il-miżuri biex jitrażżan pest, li kontra tiegħu ġew adottati miżuri ta' trażżin tal-Unjoni skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/29/KE, f'żona infestata li minnha dak il-pest ma jistax jinqered, fejn dawk il-miżuri huma essenzjali biex jipproteġu lill-Unjoni kontra aktar tixrid ta' dak il-pest. Dawk il-miżuri għandhom jikkonċernaw esklużivament il-qerda ta' dak il-pest miż-żona ta' lqugħ f'każ li l-preżenza tiegħu tiġi individwata f'dik iż-żona ta' lqugħ;

   (c) il-miżuri protettivi addizzjonali meħuda kontra t-tixrid ta' pest, kontra liema ġew adottati miżuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/29/KE, għajr il-miżuri ta' qerda msemmija fil-punt (a) u l-miżuri ta' trażżin imsemmija fil-punt (b), fejn dawk il-miżuri huma essenzjali biex jipproteġu lill-Unjoni kontra aktar tixrid ta' dak il-pest.

2. L-għotjiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jingħataw ukoll lil Stat Membru li fit-territorju tiegħu mhumiex preżenti l-pesti msemmija fil-paragrafu 1, fejn ittieħdu miżuri kontra d-dħul ta' dawk il-pesti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru minħabba l-preżenza tagħhom fi Stat Membru ġar jew f'pajjiż terz ġar li jkun eżatt ħdejn il-fruntieri tiegħu.

Artikolu 18
Kundizzjonijiet

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 17 jistgħu jikkwalifikaw għall-għotjiet sakemm ikunu ġew applikati minnufih u d-dispożizzjonijiet applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni ġew imħarsa, u sakemm mill-inqas waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin tkun ġiet sodisfatta:

(a) dawn jikkonċernaw il-pesti elenkati fit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I u t-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE;

(b) dawn huma koperti b'miżura adottata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/29/KE.

Għal miżuri li jissodisfaw il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu, l-għotja ma għandhiex tkopri l-ispejjeż li jkunu saru wara l-iskadenza tal-miżura adottata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/29/KE.

Artikolu 19
Spejjeż eliġibbli

1. L-ispejjeż li ġejjin magħmula mill-Istati Membri fit-twettiq tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 17 jistgħu jkunu eliġibbli għal għotjiet skont dak l-Artikolu:

   (a) l-ispejjeż tal-persunal, irrispettivament mill-istatus tiegħu, li jkun direttament involut fil-miżuri, kif ukoll l-ispejjeż ta' kiri tat-tagħmir, oġġetti konsumabbli u kull materjal ieħor meħtieġ, prodotti ta' trattament, u testijiet tal-laboratorju;

   (b) l-ispejjeż tal-kuntratti tas-servizz ma' partijiet terzi għat-twettiq ta' parti mill-miżuri;

   (c) l-ispejjeż ta' kumpens għall-operaturi kkonċernati għall-qerda u t-tneħħija sussegwenti ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra, u t-tindif u d-diżinfezzjoni tal-istabbiliment, l-art, l-ilma, il-ħamrija, il-mezzi ta' tkabbir, il-faċilitajiet, il-makkinarju u t-tagħmir;

   (d) f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, l-ispejjeż li jsiru fit-twettiq ta' miżuri neċessarji oħra għajr dawk imsemmija fil-punti minn (a) sa (c), sakemm tali miżuri jkunu stabbiliti fid-deċiżjoni tal-finanzjament imsemmija fl-Artikolu 35(3).

2. Bħala eċċezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 130(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għandhom ikunu eliġibbli mid-data tan-notifika tal-preżenza tal-pest mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

   Wara valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-pagamenti ppreżentata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli.

TAQSIMA 2
PROGRAMMI TA' STĦARRIĠ DWAR IL-PREŻENZA TA' PESTI

Artikolu 20
Programmi ta' stħarriġ eliġibbli

L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri għall-programmi ta' stħarriġ annwali u pluriennali li jwettqu fir-rigward tal-preżenza tal-pesti (minn hawn 'il quddiem: "programmi ta' stħarriġ"), sakemm dawn il-programmi ta' stħarriġ jikkonformaw mill-inqas ma' waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

(a) dawn jikkonċernaw il-pesti elenkati fit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I u t-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE;

(b) dawn huma koperti b'miżura adottata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/29/KE.

Għall-pesti msemmija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu, il-programmi ta' stħarriġ għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju tad-dħul, l-istabbiliment u t-tixrid ta' dawk il-pesti fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u għandha bħala minimu timmira lejn il-pesti li joħolqu r-riskji ewlenin u l-ispeċi ta' pjanti ewlenin li huma esposti għal dawn ir-riskji.

Għal miżuri li jissodisfaw il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu, l-għotja ma għandhiex tkopri l-ispejjeż li jkunu saru wara l-iskadenza tal-miżura adottata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/29/KE.

Artikolu 21
Spejjeż eliġibbli

L-ispejjeż li ġejjin imwettqa mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-programmi ta’ stħarriġ imsemmija fl-Artikolu 20 jistgħu jkunu eliġibbli għal għotjiet skont dak l-Artikolu:

(a) l-ispejjeż għat-teħid ta’ kampjuni;

(b) l-ispejjeż tat-testijiet, b'kundizzjoni li dawn ikunu limitati għal:

(i) spejjeż ta' kits tat-testijiet, reaġenti u oġġetti konsumabbli li huma identifikabbli u jintużaw apposta biex iwettqu t-testijiet;

(ii) l-ispejjeż tal-persunal, irrispettivament mill-istatus tiegħu, involut direttament fil-ġbir tal-kampjuni u t-twettiq tat-testijiet;

(c) f’każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, l-ispejjeż li jsiru fit-twettiq ta' miżuri neċessarji oħra għajr dawk imsemmija fil-punti minn (a) sa (c), sakemm tali miżuri jkunu stabbiliti fid-deċiżjoni tal-għotja msemmija fl-Artikolu 23(2).

Artikolu 22
Kontenut u preżentazzjoni tal-programmi ta' stħarriġ

1. Kull sena, sal-31 ta' Mejju, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-programmi ta' stħarriġ li jibdew fis-sena ta’ wara u li għalihom japplikaw għal għotja.

Il-programmi ta' stħarriġ li jiġu ppreżentati wara l-31 ta’ Mejju ma għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament fis-sena ta’ wara.

2. Il-programmi ta' stħarriġ għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) il-pesti inklużi fil-programm;

(b) deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi u amministrattivi li fihom għandu jiġi applikat il-programm u deskrizzjoni tal-istatus ta’ dawk iż-żoni fir-rigward tal-preżenza tal-pesti kkonċernati;

(c) it-tul tal-programm;

(d) l-għadd ta' eżamijiet viżwali, kampjuni u testijiet skedati għall-pesti u l-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u l-oġġetti l-oħra kkonċernati;

(e) l-istima baġitarja;

(f) il-miri li għandhom jintlaħqu sad-data tat-tmiem tal-programm u l-benefiċċji mistennija minnu;

(g) l-indikaturi xierqa biex titkejjel il-kisba tal-miri tal-programm.

F’kull programm ta' stħarriġ pluriennali, l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (g) tal-ewwel sottoparagrafu għandha tiġi pprovduta għal kull sena koperta mill-programm.

Artikolu 23
Evalwazzjoni u approvazzjoni tal-programmi ta' stħarriġ

1. Il-programmi ta' stħarriġ għandhom jiġu evalwati billi jitqiesu l-prijoritajiet u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali msemmija fl-Artikolu 35(1) u, fejn xieraq, dawk deskritti fil-linji gwida annwali jew pluriennali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-programmi ta' stħarriġ annwali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji kif imsemmija fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni tista' temenda tali deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu kollu ta' eliġibbiltà.

3. Il-programmi ta' stħarriġ pluriennali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati sal-31 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

4. Fil-każ ta' approvazzjoni tal-programmi ta' stħarriġ pluriennali skont il-paragrafu 3, l-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali. Fejn l-impenji baġitarji jinqasmu f'pagamenti annwali, il-Kummissjoni għandha tikkommetti l-pagamenti annwali filwaqt li tqis il-progress tal-programmi, l-istima tal-ħtiġijiet u l-baġit disponibbli.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida annwali jew pluriennali li jkun fihom il-prijoritajiet fitosanitarji, inklużi b'mod partikolari l-pesti li mhumiex individwati fit-territorju tal-Unjoni u l-pesti meqjusa bħala l-aktar perikoluż għat-territorju tal-Unjoni, u l-kriterji li jridu jintużaw fl-evalwazzjoni tal-programmi ta' stħarriġ.

Artikolu 24
Rappurtar u pagamenti

L-Artikoli 15 u 16 għandhom japplikaw mutatis mutandis għal programmi ta' stħarriġ.

TAQSIMA 3
PROGRAMMI DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTI FIR-REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI TAL-UNJONI

Artikolu 25
Miżuri u spejjeż eliġibbli

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri għal programmi li huma jwettqu għall-kontroll tal-pesti fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni kif enumerati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 (minn hawn 'il quddiem: il-"programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi"). Dawk l-għotjiet għandhom jikkonċernaw l-attivitajiet meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta, f'dawk ir-reġjuni, tar-regoli fis-seħħ f'dawk ir-reġjuni, dwar il-kontroll tal-pesti.

2. L-ispejjeż li ġejjin imwettqa mill-Istati Membri għal programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jkunu eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni:

   (a) l-ispejjeż tal-persunal, ikun xi jkun l-istatus tiegħu, direttament involut fl-implimentazzjoni tal-miżuri, kif ukoll l-ispejjeż tal-kiri tat-tagħmir, l-oġġetti konsumabbli, il-prodotti ta' trattament;

   (b) l-ispejjeż tal-kuntratti tas-servizz ma' partijiet terzi għat-twettiq ta' parti mill-miżuri;

   (c) l-ispejjeż għat-teħid ta' kampjuni;

   (d) l-ispejjeż tat-testijiet, b'kundizzjoni li dawn ikunu limitati għal:

(i) spejjeż ta' kits tat-testijiet, reaġenti u oġġetti konsumabbli li huma identifikabbli u jintużaw apposta biex iwettqu t-testijiet;

(ii) l-ispejjeż tal-persunal, irrispettivament mill-istatus tiegħu, involut direttament fil-ġbir tal-kampjuni u t-twettiq tat-testijiet.

Artikolu 26

Kontenut u preżentazzjoni tal-programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi

1. Kull sena, sal-31 ta' Mejju, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi li jibdew fis-sena ta' wara u li għalihom japplikaw għal għotja.

Il-programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi ppreżentati wara l-31 ta' Mejju ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament is-sena ta' wara.

2. Il-programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) il-pesti inklużi fil-programm;

(b) deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi u amministrattivi li fihom għandu jiġi applikat il-programm u deskrizzjoni tal-istatus ta' dawk iż-żoni fir-rigward tal-preżenza tal-pesti kkonċernati;

(c) analiżi teknika tas-sitwazzjoni fitosanitarja reġjonali;

(d) it-tul tal-programm;

(e) l-attivitajiet inklużi fil-programm u, fejn rilevanti, l-għadd ta' eżamijiet viżwali, kampjuni u testijiet skedati għall-pesti u l-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra kkonċernati;

(f) l-istima baġitarja;

(g) il-miri li għandhom jintlaħqu sad-data tat-tmiem tal-programm u l-benefiċċji mistennija minnu;

(h) l-indikaturi xierqa biex titkejjel il-kisba tal-miri tal-programm.

F'kull programm pluriennali għar-reġjuni ultraperiferiċi, l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (h) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi pprovduta għal kull sena koperta mill-programm.

Artikolu 27

Evalwazzjoni u approvazzjoni tal-programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi

1. Il-programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi għandhom jiġu evalwati billi jitqiesu l-prijoritajiet u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali msemmija fl-Artikolu 35(1).

2. Il-programmi annwali għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati sal-31 ta' Jannar kull sena permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji kif imsemmija fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni tista' temenda tali deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu kollu ta' eliġibbiltà.

3. Il-programmi pluriennali għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati sal-31 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni

permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

4. Fil-każ ta' approvazzjoni tal-programmi ta' stħarriġ pluriennali skont il-paragrafu 3, l-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali. Fejn l-impenji baġitarji jinqasmu f'pagamenti annwali, il-Kummissjoni għandha tikkommetti l-pagamenti annwali filwaqt li tqis il-progress tal-programmi, l-istima tal-ħtiġijiet u l-baġit disponibbli.

Artikolu 28
Rappurtar u pagamenti

L-Artikoli 15 u 16 għandhom japplikaw mutatis mutandis għal programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi.

KAPITOLU III
APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAL KONTROLLI UFFIĊJALI U ATTIVITAJIET OĦRA

Artikolu 29
Laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 għall-ispejjeż li jwettqu biex jimplimentaw il-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni.

2. L-ispejjeż li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli għal għotjiet skont il-paragrafu 1:

   (a) l-ispejjeż tal-persunal, irrispettivament mill-istatus tiegħu, li jkun direttament involut f'attivitajiet tal-laboratorji li huma mġarrba fil-kapaċità tagħhom ta' laboratorju ta' referenza tal-Unjoni;

   (b) l-ispejjeż ta' tagħmir kapitali;

   (c) l-ispejjeż ta' oġġetti konsumabbli;

   (d) l-ispejjeż tat-twassil ta' kampjuni, missjonijiet, laqgħat, attivitajiet ta' taħriġ.

Artikolu 30
Taħriġ

1. L-Unjoni tista' tiffinanzja t-taħriġ tal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-kontrolli uffiċjali, kif imsemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, sabiex jiġi żviluppat approċċ armonizzat għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa programmi ta' taħriġ li jidentifikaw il-prijoritajiet għall-intervent, ibbażati fuq ir-riskji identifikati għas-saħħa pubblika, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti.

3. Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Unjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-għarfien miksub permezz ta'

attivitajiet ta' taħriġ imsemmija f'dak il-paragrafu jinxtered kif meħtieġ u jintuża b'mod xieraq fil-programmi ta' taħriġ nazzjonali.

4. L-ispejjeż li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1:

(a) l-ispiża tal-organizzazzjoni tat-taħriġ jew l-attivitajiet ta' skambju;

(b) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni tal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti li jieħdu sehem fit-taħriġ.

Artikolu 31
Esperti mill-Istati Membri

Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni tista' tingħata għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mwettqa mill-esperti tal-Istati Membri b'riżultat tal-ħatra tagħhom mill-Kummissjoni biex jgħinu lill-esperti tagħha kif previst fl-Artikoli 45(1) u 46(1) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

Artikolu 32
Pjanijiet ta' kontroll koordinati u ġbir tad-dejta

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri għall-ispejjeż imġarrba għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kontroll koordinati msemmija fl-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u għall-ġbir tad-dejta.

2. L-ispejjeż segwenti jistgħu jkunu eliġibbli:

(a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju,

(b) l-ispiża tat-tagħmir meħtieġ biex jitwettqu l-ħidmiet tal-kontroll uffiċjali u tal-ġbir tad-dejta.

KAPITOLU IV
MIŻURI OĦRA

Artikolu 33
Sistemi tal-informazzjoni

1. L-Unjoni għandha tiffinanzja t-twaqqif u t-tħaddim ta' bażijiet ta' dejta u sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni tal-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1 u mmexxija mill-Kummissjoni.

2. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għat-twaqqif u l-ġestjoni ta' bażijiet ta' dejta u sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni tal-informazzjoni ta' partijiet terzi, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, sakemm tali strumenti:

(a) ikunu wrew valur miżjud għall-Unjoni kollha kemm hi u jkunu disponibbli mal-Unjoni kollha għall-utenti kollha interessati; u

(b) ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 34
Implimentazzjoni u adattament tar-regoli

1. L-Unjoni tista’ tiffinanzja l-ħidma teknika u xjentifika, inklużi studji u attivitajiet ta' koordinazzjoni, meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1 u l-adattament ta' dawk ir-regoli għall-iżviluppi xjentifiċi, teknoloġiċi u soċjali.

   Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni tista' tingħata wkoll lill-Istati Membri jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali li joperaw fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1 biex iwettqu attivitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1.

2. Jistgħu jingħataw għotjiet għal proġetti organizzati minn Stat Membru wieħed jew aktar bl-għan li titjieb, permezz tal-użu ta’ tekniki u protokolli innovattivi, il-prestazzjoni effiċjenti tal-kontrolli uffiċjali.

3. Tista’ tingħata wkoll kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni bħala appoġġ għall-inizjattivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mmirati biex jiżguraw attitudni mtejba, konformi u sostenibbli fl-implimentazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1.

TITOLU III
IPPROGRAMMAR, IMPLIMENTAZZJONI U KONTROLL

Artikolu 35
Programmi ta' ħidma

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali komuni jew separati għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fit-Titolu II, għajr it-Taqsima 1 tal-Kapitolu I u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3).

2. Il-programmi ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu l-objetttivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-miżuri li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull miżura u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni. Għall-għotjiet, għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji ta' evalwazzjoni essenzjali, ir-rata ta' finanzjament.

3. Għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tat-Titolu II u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat-Titolu II, jew fejn tkun meħtieġa reazzjoni għall-iżviluppi mhux mistennija, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet finanzjarji ad hoc skont l-Artikolu 84(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Artikolu 36
Verifiki fuq il-post mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista' torganizza verifiki fuq il-post fl-Istati Membri u fl-istabbilimenti tal-benefiċjarji bil-ħsieb li tivverifika b'mod partikolari:

(a) l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri li jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni;

(b) il-konformità ta' prattiki amministrattivi mar-regoli tal-Unjoni;

(c) l-eżistenza ta' dokumenti ta' sostenn meħtieġa u l-korrelazzjoni tagħhom mal-miżuri li jibbenefikaw minn kontribuzzjoni tal-Unjoni.

Artikolu 37
Aċċess għall-informazzjoni

L-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivverifikaw l-implimentazzjoni tal-miżuri u għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiffaċilitaw il-kontrolli li l-Kummissjoni tqis li huma xierqa b'rabta mal-ġestjoni tal-finanzjament tal-Unjoni, li jinkludu verifiki fuq il-post.

Artikolu 38
Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta l-miżuri ffinanzjati skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-

Unjoni jkunu protetti permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu ħażin u, fejn ikun xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa li jagħmlu awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha tal-għotjiet ta' flus, il-korpi ta' implimentazzjoni, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi li jkunu rċevew fondi mill-Unjoni skont dan ir-Regolament.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jkun awtorizzat iwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[27] bl-għan li jiġi stabbilit li kien hemm frodi, korruzzjoni jew kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni jew kuntratt li jikkonċernaw il-finanzjament tal-Unjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel u t-tieni sottoparagrafi, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, ftehimiet ta' għotja, deċiżjonijiet ta' għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jagħtu s-setgħa b'mod espliċitu lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu awditjar, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post.

[27] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

TITOLU IV
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 39
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

   Fejn għandha tinkiseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-ħruġ tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk, jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu hekk.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

   Fejn għandha tinkiseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-ħruġ tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk, jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu hekk.

Artikolu 40
Evalwazzjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2018, għandu jiġi stabbilit rapport ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2(1) b'rabta mal-miżuri msemmija fil-Kapitolu I u l-Kapitolu II tat-Titolu II u fl-Artikoli 29 u 30 tal-Kapitolu III (riżultati u impatti), fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud tagħhom, fil-livell tal-Unjoni. L-evalwazzjoni għandha tindirizza wkoll l-ambitu għas-semplifikazzjoni, l-issoktar tar-rilevanza tal-objettivi kollha, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni dwar l-impatt fit-tul tal-miżuri li jkunu ttieħdu qabel.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2022 il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ex-post tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. L-evalwazzjoni ex-post tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandha teżamina l-effikaċja u l-effiċjenza tan-nefqa msemmija fl-Artikolu 1 u l-impatt tagħha.

3. L-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom iqisu l-progress li sar billi jintużaw l-indikaturi msemmija fl-Artikolu 2(2).

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Artikolu 41
Informazzjoni, komunikazzjoni u pubblikità

1. Fejn xieraq, il-benefiċjarji u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li ssir pubblikità adegwata għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija skont dan ir-Regolament sabiex il-pubbliku jiġi mgħarraf bir-rwol tal-Unjoni fil-finanzjament tal-miżuri.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar il-miżuri ffinanzjati u r-riżultati. Barra minn hekk, il-baġit allokat għall-komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandu jkopri wkoll il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni.

Artikolu 42
Tħassir

1. Id-Deċiżjonijiet 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE huma mħassra.

2. Ir-referenzi għad-Deċiżjonijiet 66/399/KEE u 76/894/KEE għandhom jitqiesu bħala referenzi għall-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

Artikolu 43
Dispożizzjonijiet tranżitorji

Għall-programmi nazzjonali għall-kontroll tal-qerda u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi għas-sena 2013 li jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni skont il-miżura finanzjarja prevista fl-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni 2009/470/KE, il-paragrafi 7 u 8 ta' dak l-Artikolu għandhom ikomplu japplikaw.

Artikolu 44
Emenda tad-Direttiva 98/56/KE

Id-Direttiva 98/56/KE[28] hija emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Il-Kumitat għandu jkun megħjun mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."

Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."

Artikolu 45
Emenda tad-Direttiva 2000/29/KE

Id-Direttiva 2000/29/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 13c, għandu jitħassar il-paragrafu 5.

[28] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

(2) L-Artikoli minn 22 sa 26 qed jitħassru.

Artikolu 46
Emenda tar-Regolament (KE) Nru 178/2002

1. Fl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, minn hawn 'il quddiem jissemma bħala il-"Kumitat". Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]. Il-Kumitat għandu jkun organizzat f'taqsimiet biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet kollha rilevanti.

2. Ir-referenzi kollha fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu bħala referenzi lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

Artikolu 47
Emenda tar-Regolament (KE) Nru 882/2004

L-Artikolu 66 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 qed jitħassar.

Artikolu 48
Emenda tar-Regolament (KE) Nru 396/2005

L-Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 qegħdin jitħassru.

Artikolu 49
Emenda tad-Direttiva 2008/90/KE

Fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2008/90/KE, il-paragrafu 1 qed jinbidel b'dan li ġej:

'1. Il-Kumitat għandu jkun megħjun mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Artikolu 50
Emenda tad-Direttiva 2009/128/KE

L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2009/128/KE qed jitħassar.

Artikolu 51
Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009

L-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 qed jitħassar.

[29] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Artikolu 52
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Parteċipazzjoni minn partijiet terzi fil-finanzjament

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa fil-qasam tal-katina alimentari, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u dwar is-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti (in-"nefqa marbuta mal-ikel u l-għalf")

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[30]

17 04 Is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[31]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

✓ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettivi

1.4.1. L-objettiv(i) strateġika/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

In-nefqa koperta minn dan ir-Regolament għandha timmira li tiżgura livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina alimentari u f'oqsma relatati u livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ambjent filwaqt li tippermetti lill-industrija alimentari tal-UE topera f'ambjent li jiffavorixxi l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi.

1.4.2. L-objettiv(i) speċifiku/ċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Objettiv speċifiku Nru 1

Jingħata kontribut għal livell għoli ta' sikurezza tal-ikel u tas-sistemi ta' produzzjoni tal-ikel u ta' prodotti oħra li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza tal-ikel, filwaqt li titjieb is-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel

Objettiv speċifiku Nru 2

Jingħata kontribut għal status tas-saħħa tal-annimali ogħla fl-Unjoni u jkun appoġġjat it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali

Objettiv speċifiku Nru 3

Jingħata kontribut għall-individwazzjoni f'waqtha tal-pesti u l-qerda tagħhom fejn dawk il-pesti jkunu daħlu fl-Unjoni

Objettiv speċifiku Nru 4

[30] ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività.

[31] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Jingħata kontribut biex jitjiebu l-effikaċja, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet oħra mwettqa fid-dawl tal-implimentazzjoni effettiva tar-regoli tal-Unjoni u l-konformità magħhom, imsemmija fir-Regolament li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-ikel u l-għalf

1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija

Il-qafas finanzjarju 2007-2013 jaffettwa primarjament lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom billi dawn huma l-benefiċjarji ewlenin tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Hemm ukoll impatti indiretti fuq il-partijiet interessati bħal produtturi primarji (bdiewa, eċċ.), operaturi oħra u veterinarji iżda dawn huma sekondarji. Dan se jissokta mal-abbozz tar-Regolament li jkopri l-perjodu mill-2014 sal-2020.

Ir-riżultat kumplessiv mistenni huwa li, permezz tal-kofinanzjament mill-UE:

- il-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti se jinqerdu aktar malajr f'każ ta' tifqigħat

- se jiġi evitat li jitfaċċaw mard tal-annimali u pesti tal-pjanti

- Il-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mas-sikurezza tal-ikel u l-għalf se tkun applikata b'mod aktar armonizzat mal-UE kollha.

Barra minn hekk, ir-Regolament imsemmi hawn fuq se jikkontribwixxi wkoll biex jiffaċilita l-funzjonament tas-suq intern u l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi u dan jista' jkollu impatt pożittiv fuq l-impjiegi fl-UE.

Indikaturi tar-riżultati u impatt

Objettiv 1: Jingħata kontribut għal livell għoli ta' sikurezza tal-ikel u tas-sistemi ta' produzzjoni tal-ikel u ta' prodotti oħra li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza tal-ikel, filwaqt li titjieb is-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel

Dan l-objettiv se jitkejjel permezz tat-tnaqqis fl-għadd ta' każijiet ta' mard fil-bnedmin fl-Unjoni u li huma marbuta mas-sikurezza tal-ikel jew maż-żoonożi.

Objettiv 2: Jingħata kontribut għal status tas-saħħa tal-annimali ogħla fl-Unjoni u jkun appoġġjat it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali

Dan l-objettiv se jitkejjel permezz taż-żieda fl-għadd ta' Stati Membri jew reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-mard tal-annimali li għalih tingħata kontribuzzjoni finanzjarja kif ukoll jitnaqqsu l-parametri tal-mard, bħalma huma l-inċidenza, il-prevalenza u l-għadd ta' tifqigħat.

Objettiv 3: Jingħata kontribut għall-individwazzjoni f'waqtha tal-pesti u l-qerda tagħhom fejn dawn ikunu daħlu fl-Unjoni

Dan l-objettiv se jitkejjel permezz ta' dan li ġej:

- il-kopertura tat-territorju tal-Unjoni permezz ta' stħarriġ għall-pesti, b'mod partikolari għall-pesti li l-preżenza tagħhom ma ġietx individwata fit-territorju tal-Unjoni u l-pesti meqjusa bħala l-aktar perikoluży għat-territorju tal-Unjoni; u

- iż-żmien u r-rata ta' suċċess għall-qerda ta' dawk il-pesti.

Objettiv 4: Jingħata kontribut biex jitjiebu l-effikaċja, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet oħra mwettqa fid-dawl tal-implimentazzjoni effettiva tar-regoli tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 tal-abbozz tar-Regolament, u l-konformità magħhom.

Dan l-objettiv se jitkejjel permezz ta' xejra favorevoli tal-eżitu tal-kontrolli f'oqsma partikolari ta' tħassib imwettqa u rrapportati minn esperti tal-Kummissjoni fl-Istati Membri.

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Ir-rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u sodisfatt(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien

Is-settur privat għandu jitħares minn impatti serjament dannużi tal-mard u l-pesti u għalhekk se jikkontribwixxi biex jitrawwem it-tkabbir u jinħolqu l-impjiegi fl-UE. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jappoġġjaw il-miri ta' politika għal kull qasam, li jimmiraw li jżommu l-livell sodisfaċenti tas-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti, is-saħħa tal-materjal riproduttiv tal-pjanti u l-kontrolli uffiċjali.

Ir-Regolament se jkompli jappoġġja l-implimentazzjoni ta' azzjoni tal-UE fil-qasam tal-politika dwar is-sikurezza tal-ikel mill-2014 'il quddiem. Dan jibni fuq ir-riżultati miksuba permezz tal-leġiżlazzjoni eżistenti u fuq il-valutazzjoni tal-impatt aċċellerata li takkumpanja din il-proposta.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE

B'konformità mal-approċċ li skontu s-sikurezza tal-ikel u tal-għalf trid tiġi garantita mill-produttur sal-konsumatur, din l-azzjoni timmira li ġġib titjib tul il-katina alimentari kollha. Dan is-settur huwa armonizzat fil-livell tal-UE u jsir kummerċ konsiderevoli bejn l-Istati Membri. L-industrija tal-ikel u x-xorb tal-UE hija l-akbar settur tal-manifattura fl-Ewropa bi dħul annwali fl-2009 ta' EUR 954 biljun; din tesporta madwar EUR 54 biljun ta' prodotti tal-ikel u tax-xorb lejn pajjiżi terzi, tikkontribwixxi għal bilanċ kummerċjali pożittiv ta' madwar EUR 10 biljun u timpjega madwar 4,2 miljun ruħ. (Sors: Il-Konfederazzjoni tal-industriji tal-ikel u tax-xorb tal-UE).

It-tifqigħat ta' mard serju tal-annimali u tal-pjanti jistgħu jikkawżaw telf dirett maġġuri għall-agrikoltura u telf indirett potenzjalment enormi għall-ekonomija Ewropea. Dawn il-problemi jistgħu jinfirxu malajr bejn l-Istati Membri u jinvolvu s-suq kollu tal-UE. L-okkorrenza riċenti tal-Bluetongue fil-parti l-kbira tal-Ewropa, li kkawżat telf sostanzjali, hija tfakkira importanti tal-imprevedibbiltà u s-severità tat-tifqigħat ta' mard tal-annimali.

L-objettiv tal-intervent tal-UE huwa li jiġi mminimizzat l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u s-swieq u li jitnaqqsu r-riskji tul il-katina alimentari kollha permezz ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

Kontribuzzjoni tal-UE tmur għall-programmi nazzjonali mmirati biex itejbu s-saħħa tal-annimali jew jeqirdu dak il-mard li jaffettwaw lin-nies jew li l-preżenza tiegħu tista' tikkawża impatti soċjali, ekonomiċu u politiċi kbar. Il-programmi ta' qerda, sorveljanza u monitoraġġ huma meħtieġa biex jitnaqqas dan ir-riskju għas-saħħa pubblika u/jew tal-annimali għal livell aċċettabbli. Titwettaq ukoll sorveljanza mal-UE kollha għal mard bħall-influwenza avjarja u enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE).

Hemm disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja għal miżuri ta' emerġenza (fond ta' emerġenza) biex tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw il-kriżijiet tal-mard tal-annimali u ġew stabbiliti banek tat-tilqim li qed jinżammu stokkjati biex tinżamm provvista ta' vaċċini għall-użu ta' emerġenza.

Fondi huma pprovduti wkoll biex jappoġġjaw kull Stat Membru li jisfa' vittma ta' preżenza ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti, speċjalment fid-dawl taż-żieda fil-kummerċ bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi oħra. Dan jaffettwa mhux biss l-industrija tal-ikel iżda wkoll l-industrija

b'mod ġenerali minħabba l-impatt possibbli ta' xi organiżmi ta' ħsara għall-pjanti fuq l-injam u l-materjal tal-imballaġġ tal-injam eż. palits.

Barra minn hekk, netwerk ta' Laboratorji ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea huwa ffinanzjat biex jiżgura tħejjija aħjar u biex jipprovdi appoġġ xjentifiku fil-livell tal-UE lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri. Dan jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-prattiki dijanjostiċi fil-livell tal-UE. L-azzjoni tinkludi wkoll programm ta' taħriġ (BTSF – Better Training for Safer Food programme - "Programm ta' Taħriġ Aħjar għal Ikel Aktar Sikur") għall-persunal tal-awtoritajiet kompetenti, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-istandards tal-UE.

1.5.3. It-tagħlimiet li ttieħdu minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Il-problemi tal-qafas legali attwali jikkonċernaw primarjament il-ħtieġa li jiġi emendat dak il-qafas skont l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet settorjali identifikati fir-reviżjonijiet rispettivi. Dawn il-ħtiġijiet għandhom ikunu riflessi fil-leġiżlazzjoni futura, irrispettivament minn jekk id-dispożizzjonijiet dwar l-infiq jinsabux fl-atti settorjali jew humiex miġbura flimkien f'att orizzontali uniku.

Fattur 1: Il-qafas legali attwali huwa kumpless wisq

In-nuqqas attwali ta' ċarezza fir-rati ta' finanzjament joħloq inċertezza kbira għall-Istati Membri meta jkunu qed jippjanaw. Għaldaqstant, dan ir-regolament jipprevedi tliet rati massimi: 50, 75 u 100 %. Ir-rata ta' finanzjament ta' 100 % hija applikata għax-xiri tal-vaċċini u l-ispejjeż eliġibbli tal-laboratorji ta' referenza tal-UE; ir-rata ta' 75 % tapplika għall-ispejjeż eliġibbli għall-Istati Membri li l-aktar introjtu nazzjonali gross riċenti tagħhom għal kull abitant ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni; ir-rata ta' 50 % tapplika għall-ispejjeż l-oħra eliġibbli; din titqies bħala r-rata bażika mill-2014 'il quddiem.

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar id-diversi għotjiet finanzjarji bħalissa jinsabu f'għadd ta' strumenti leġiżlattivi differenti. Din il-kwistjoni se tkun solvuta billi jingabru dawn id-dispożizzjonijiet f'bażi legali waħda. Il-livell minimu propost ta' EUR 50 000 għal kull għotja żgur se tissemplifika l-ġestjoni baġitarja għall-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet Ewropej.

Fattur 2: L-għodod tal-ġestjoni finanzjarja eżistenti mhumiex kompluti

Id-dispożizzjonijiet finanzjarji eżistenti ma jipprevedux objettivi u indikaturi ċari u konsistenti.

Id-definizzjoni ta' miżuri eliġibbli u spejjeż assoċjati mhijiex ċara. Rapport ta' awditjar intern tal-2012 irrakkomanda li dawn jiġu ċċarati u ssemplifikati.

Dawn il-fatturi kollha jikkontribwixxu għal sitwazzjoni fejn is-sistema tkun kumplessa wisq u r-rati ta' żbalji jkunu għoljin wisq. Stħarriġ riċenti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri sab li l-qafas ta' ppjanar tal-programm pluriennali u annwali jitqies bħala ta' piż. Iċ-ċiklu annwali ta' preparazzjoni, evalwazzjoni, approvazzjoni, adozzjoni u rappurtar tal-pjan jeżiġi ħafna riżorsi u jinvolvi livell għoli ta' ripetizzjoni minn sena għal oħra.

1.5.4. Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra

Huwa ta' importanza kruċjali li l-proposta li bħalissa qed tiġi kkunsidrata tibqa' wkoll konsistenti ma' politiki oħra tal-UE. F'livell għoli, dan ifisser appoġġ għall-objettivi tal-UE 2020 u tal-qafas finanzjarju pluriennali. Forsi l-aktar importanti, huwa kruċjali li l-qafas

finanzjarju jappoġġja l-irkupru ekonomiku permezz tal-promozzjoni tal-kummerċ u attività ekonomika importanti oħra. F'oqsma oħra, se jkun importanti li jiġi żgurat li l-politika dwar is-sikurezza tal-għalf u tal-ikel tappoġġja u tikkomplementa, mingħajr ma tirrepeti jew iddgħajjef, politiki oħra tal-UE. Dan huwa partikolarment minnu fl-oqsma tal-agrikoltura u l-kummerċ. Il-proposti l-ġodda għall-politika agrikola komuni jappoġġjaw l-istess tipi ta' objettivi ġenerali bħall-abbozz tar-regolament attwali kkonċernat, iżda objettivi speċifiċi differenti u b'mezzi differenti. Huwa kruċjali wkoll li l-abbozz ikompli jappoġġja l-kummerċ Ewropew u jkun konsistenti mar-regoli kummerċjali eżistenti u futuri. Jeħtieġ li tiġi kkunsidrata l-politika marittima, pereżempju meta l-qafas finanzjarju jappoġġja l-prevenzjoni jew il-qerda tal-mard li jaffettwa l-annimali tal-akkwakultura. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġu rispettati l-objettivi tal-politiki ambjentali. Fl-aħħar nett, jeżistu rabtiet qawwija bejn politiki oħra bħas-saħħa pubblika, it-trattament xieraq tal-annimali, u oħrajn, li jeżiġu koordinazzjoni.

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

☑ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☑ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– ☑ L-impatt finanzjarju mill-2014 sal-2020 (approprjazzjonijiet ta' impenn)

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien illimitat**

– - Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– - Segwita minn operazzjoni sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[32]

☑ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☑**Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☑ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[33]

– ☐ korpi nazzjonali mis-settur pubbliku/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi b'konformità mat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

[32] Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[33] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

Aġenzija Eżekuttiva EAHC: Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità[34], il-Kummisjoni fdat[35] lill-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi bil-kompiti ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni tal-politika ta' Taħriġ Aħjar għal Ikel Aktar Sikur (BTSF) għas-snin bejn l-2007 u l-2013. Il-Kummissjoni għalhekk tista' tiddeċiedi li tafda wkoll lill-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi bil-kompiti ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni tal-programm BTSF għas-snin bejn l-2014 u l-2020.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Bħalissa, l-EAHC timmaniġġja n-nefqa għall-programm ta' Taħriġ Aħjar għal Ikel Aktar Sikur. In-nefqa kollha li jifdal hija mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni. Se tingħata aktar attenzjoni lill-analiżi tal-programmi veterinarji u fitosanitarji ppreżentati; il-programmi veterinarji tal-2013 ġew ippreżentati għall-ewwel darba għal evalwazzjoni esterna; din il-proċedura se tiġi żviluppata aktar fis-snin li ġejjin. Bħalissa qegħdin jiġu żviluppati l-indikaturi tal-prestazzjoni; dawn se jkunu utli għall-evalwazzjoni tal-kisbiet tal-programm.

Sa tmiem l-2018, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport ta' evalwazzjoni dwar il-kisba tal-objettivi tal-miżuri (fil-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tagħhom, fid-dawl ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. L-evalwazzjoni għandha tindirizza wkoll l-ambitu għas-semplifikazzjoni, l-issoktar tar-rilevanza tal-objettivi kollha, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni dwar l-impatt fit-tul tal-miżuri li jkunu ttieħdu qabel.

Barra minn hekk, se titwettaq evalwazzjoni ex-post, mhux aktar tard minn nofs l-2022.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultati ta' dawk l-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-kummenti tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Ir-riskju/i identifikat(i)

Il-biċċa l-kbira tal-fondi hija indirizzata lill-Istati Membri.

L-elementi ewlenin tal-implimentazzjoni tal-baġit huma dawn li ġejjin:

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-programmi ta' ħidma annwali komuni jew separati se jiġu adottati għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet oħra. Il-programmi ta' ħidma annwali ta' hawn fuq għandhom jistabbilixxu l-objettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-miżuri li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull miżura u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni. Għall-għotjiet, dawn għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji ta' evalwazzjoni essenzjali u r-rata ta' finanzjament.

Għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' qerda, stħarriġ u monitoraġġ fil-qasam tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti il-Kummissjoni, sat-30 ta' Jannar ta' kull sena u, wara evalwazzjoni

[34] ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

[35] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008)4943 tad-9 ta' Settembru 2008.

tal-programmi ppreżentati, se tapprova l-programmi suġġetti għal ċerti kundizzjonijiet fejn xieraq u se tiddeċiedi dwar l-ammont tal-għotja. Fil-każ ta' approvazzjoni tal-programmi pluriennali, l-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali. F'dan il-każ, kull sena l-Kummissjoni għandha tikkommetti l-pagamenti annwali filwaqt li tqis il-progress tal-programmi, l-istima tal-ħtiġijiet u l-baġit disponibbli.

Għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza fil-qasam tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti iż-żona jew fejn tinħtieġ reazzjoni għal żviluppi imprevedibbli, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet ta' finanzjament ad hoc.

Barra minn hekk, se jiġu attribwiti għadd ta' kuntratti ta' servizz.

Ir-riskji ewlenin huma dawn li ġejjin:

- rigward il-kontrolli uffiċjali, ir-riskji ta' implimentazzjoni ħażina li jnaqqsu l-effikaċja tal-miżuri kofinanzjati;

- l-użu ineffiċjenti jew non-ekonomiku tal-fondi għall-programmi ta' qerda u miżuri ta' emerġenza minħabba l-kumplessità tar-rimborż tal-ispejjeż eliġibbli reali flimkien mal-possibbiltajiet limitati biex jiġu kkontrollati l-ispejjeż eliġibbli dokumentati.

2.2.2. Il-metodi ta' kontroll previsti

B'mod ġenerali, it-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha (l-impenji, il-pagamenti, l-ordnijiet ta' rkupru, eċċ.) u l-kuntratti/il-ftehimiet ta' għotja marbuta mal-politika dwar l-infiq marbuta mal-ikel u l-għalf jiġu kkontrollati, awtorizzati u ffirmati mill-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega inkarigati mill-attività. Kull uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega huwa megħjun minn ċellola finanzjarja deċentralizzata li tivverifika u tikkompleta l-fajls ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u l-kuntratti/il-ftehimiet ta' għotja qabel ma jiġu ffirmati. It-tnedija u l-verifika operazzjonali jitqwettqu minn membri tal-persunal tal-Unità responsabbli.

Barra minn hekk, iċ-ċellola finanzjarja ċentrali twettaq, fit-tieni livell, verifika dokumentata ex-ante, ibbażata fuq kampjun tat-tranżazzjonijiet. Barra dan, it-tim ċentralizzat ta' verifika fuq il-post tad-DĠ jivverifika fuq is-sit l-eliġibbiltà tal-ispejjeż mitluba mill-benefiċjarju. Id-DĠ SANCO qed juża ukoll kumpanija speċjalizzata fl-organizzazzjoni ta' kontrolli ex post.

Għotjiet: Meta jitqies fuq naħa l-qafas imsemmi hawn fuq u l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji tal-għotjiet tal-UE huma identitajiet pubbliċi, ir-riskju ta' irregolaritajiet jista' jitqies bħala limitat ferm. Il-proġetti ffinalizzati mogħtija proġetti se jkunu suġġetti għal kontrolli ex post. L-istrateġija ta' awditjar ex-post se tkun: (a) li tgħaqqad il-valutazzjoni tar-riskju u l-għażla aleatorja sabiex jiġi evitat proċess tal-għażla riġidu wisq, u (b) li tagħti attenzjoni lill-aspetti operazzjonali meta jkun possibbli waqt l-awditjar fuq il-post.

Kuntratti ta' servizzi: Id-DĠ SANCO jikkonkludi kuntratti ta' servizzi direttament mal-fornituri tas-servizz. Il-kuntratturi jintgħażlu fuq il-bażi ta' proċeduri ta' sejħa għall-offerti, b'rispett sħiħ tar-Regolament Finanzjarju. Il-kuntratti li jkunu ogħla minn ċertu limitu massimu huma suġġetti għal kontroll fil-fond minn kumitat tal-akkwist pubbliku ta' DĠ SANCO. Id-DĠ SANCO juża kuntratti standard proposti mill-Kummissjoni li jipprevedu l-possibbiltà li jitwettqu kontrolli ex post. Madankollu, billi l-ammonti tal-kuntratti huma ffissati, ir-riskji ta' żbalji finanzjarji huma mnaqqsa u l-għadd ta' kontrolli ex post fuq il-kuntratti tas-servizz huma limitat ħafna.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, fejn l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jkunu protetti mill-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jiġu individwati irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonali u deterrenti, skont l-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea u l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa li jawditjaw, abbażi tad-dokumenti u fuq il-post, fir-rigward tal-benefiċjarji kollha tal-għotja, kuntratturi u subkuntratturi li jkunu rċevew il-fondi tal-Unjoni. OLAF għandu jkun awtorizzat iwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 bl-għan li jiġi stabbilit li kien hemm frodi, korruzzjoni jew kull attività illegali oħra b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni jew kuntratt li jikkonċerna finanzjament tal-Unjoni.

Mingħajr preġudizzju għas-sottoparagrafi preċedenti, id-deċiżjonijiet, il-ftehimiet u l-kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-Regolament għandhom jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, u lill-Qorti tal-Awdituri li jwettqu dawn il-verifiki, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- - Il-linji baġitarji tan-nefqa eżistenti (numerati mill-ġdid għal nomenklatura ġdida għall-2014-2020)
- Linji baġitarji ġodda mitluba (in-nomenklatura ġdida 2014-2020).

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nfiq	Kontribuzzjoni			
		Diff./mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA[36]	minn pajjiżi kandidati[37]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
3	17 01 04 03 Nefqa amministrattiva b'appoġġ għall-miżuri għas-saħħa tal-pjanti, is-sikurezza tal-għalf u tal-ikel, il-qerda tal-mard tal-annimali u l-fond ta' emerġenza	~~Diff.~~/mh ux diff.	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE
3	17 01 06 03 Nefqa amministrattiva b'appoġġ għall-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi	~~Diff.~~/mh ux diff.	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE
3	17 04 01 Kontribuzzjoni finanzjarja li tiżgura titjib fl-istatus tas-saħħa tal-annimali u livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni	Diff./~~mh ux diff.~~	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE
3	17 04 02 Kontribuzzjoni finanzjarja li tiżgura l-individwazzjoni f'waqtha ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-qerda tagħhom	Diff./~~mh ux diff.~~	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE
3	17 04 03 Kontribuzzjoni finanzjarja li tiżgura kontrolli effettivi, effiċjenti u affidabbli	Diff./~~mh ux diff.~~	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE
3	17 04 04 Miżuri ta' emerġenza marbuta mas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti	Diff./~~mh ux diff.~~	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE
4	17 04 10 Ftehimiet internazzjonali	Diff./~~mh ux diff.~~	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE	~~IVA~~/LE

[36] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[37] Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

(fi prezzijiet attwali)

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	3	Sigurtà u ċittadinanza

DĠ: SANCO			Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Sena >2020	TOTAL
Approprjazzjonijiet operazzjonali											
17 04 01 Li jikkontribwixxu għal titjib fl-istatus tas-saħħa tal-annimali u livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni	Impenji	(1)	180,000	178,500	177,000	175,000	171,500	171,500	171,000		1,224,500
	Pagamenti	(2)	10,000	165,000	163,000	161,000	157,000	158,000	159,000	251,500	1,224,500
17 04 02 Li jikkontribwixxu għal individwazzjoni f'waqtha ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-qerda tagħhom	Impenji	(1)	5,000	10,000	14,000	19,000	25,000	28,500	30,500		132,000
	Pagamenti	(2)	3,000	9,000	12,000	17,000	22,000	25,000	26,000	18,000	132,000
17 04 03 Li jikkontribwixxu biex itejbu l-effikaċja, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-kontrolli	Impenji	(1)	45,724	47,360	50,401	53,558	57,520	60,021	62,162		376,746
	Pagamenti	(2)	18,000	45,000	48,000	50,000	52,000	55,000	58,000	50,746	376,746

17 04 04 Miżuri ta' emerġenza marbuta mas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti	Impenji	(1)	20,000	20,000	20,000	20,000	20,000	20,000	20,000		140,000
	Pagamenti	(2)	10,000	20,000	20,000	20,000	20,000	20,000	20,000	10,000	140,000
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-qafas finanzjarju għal programmi speċifiċi (linji "BA" preċedenti, riċerka indiretta u diretta)											
17 01 04 03 Nefqa għal appoġġ fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti 17 01 06 03 Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi — Kontribuzzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti		(3)	2,670	2,670	2,670	2,670	2,670	2,670	2,670		18,690
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ġħad-DĠ SANCO	Impenji	=1+3	**253,394**	**258,530**	**264,071**	**270,228**	**276,690**	**282,691**	**286,332**		**1,891,936**
	Pagamenti	=2+3	**43,670**	**241,670**	**245,670**	**250,670**	**253,670**	**260,670**	**265,670**	**330,246**	**1,891,936**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	250,724	255,860	261,401	267,558	274,020	280,021	283,662		1,873,246
	Pagamenti	(5)	41,000	239,000	243,000	248,000	251,000	258,000	263,000	330,426	1,873,246
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-qafas finanzjarju għal programmi speċifiċi		(6)	2,670	2,670	2,670	2,670	2,670	2,670	2,670		18,690

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 3	Impenji	=4+6	**253,394**	**258,530**	**264,071**	**270,228**	**276,690**	**282,691**	**286,332**		**1,891,936**
tal-qafas finanzjarju plurieannali	Pagamenti	=5+6	**43,670**	**241,670**	**245,670**	**250,670**	**253,670**	**260,670**	**265,670**	**330,246**	**1,891,936**

Ammont ta' EUR 5 miljun marbut mal-bidla fil-klima huwa assenjat fl-abbozz tal-baġit tal-2014, b'mod partikolari għall-qerda tal-mard tal-bluetongue u x-Schmallenberg.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	**5**	Nefqa amministrattiva

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	TOTAL
DĠ: SANCO									
Riżorsi Umani		3,349	3,349	3,349	3,349	3,349	3,349	3,349	23,446
Nefqa amministrattiva oħra		6,121	6,243	6,368	6,495	6,625	6,758	6,893	45,503
TOTAL	Approprjazzjonijiet	9,470	9,593	9,717	9,845	9,975	10,107	10,242	68,949
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju plurieannali	(Impenji totali = pagamenti totali)	9,470	9,593	9,717	9,845	9,975	10,107	10,242	68,949

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Sena >2020	TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju plurieannali	Impenji	**262,865**	**268,123**	**273,789**	**280,073**	**286,665**	**292,799**	**296,575**		**1,960,886**
	Pagamenti	**53,141**	**251,263**	**255,388**	**260,515**	**263,645**	**270,778**	**275,913**	**330,246**	**1,960,886**

Ta' min ifakkar li l-ammonti msemmija taħt il-punt 3.2.1 huma ammonti massimi u l-ħtiġijiet annwali se jiġu evalwati kull sena fil-limitu tal-ammont massimu globali.

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt (Approprjazzjonijiet ta' impenn f’EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 - Jingħata kontribut għal livell għoli ta’ sikurezza tal-ikel u tas-sistemi ta’ produzzjoni tal-ikel u ta’ prodotti oħra li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza tal-ikel, filwaqt li titjieb is-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel

Spejjeż marbuta mal-ksib ta' dan il-objettiv huma integrati f’dawk marbuta ma' miżuri meħuda skont in-numru tal-objettiv 2 sa 4.

OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 - Jingħata kontribut għat-titjib fl-istatus tas-saħħa tal-annimali fl-Unjoni u tat-trattament xieraq tal-annimali

Objettivi u riżultati			Sena 2014		Sena 2015		Sena 2016		Sena 2017		Sena 2018		Sena 2019		Sena 2020		TOTAL	
	RIŻULTATI																	
	Tip ta' riżultat	Spiża medja tar-riżultat	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd totali ta' riżultati	Spiża totali
- Riżultat	Programmi għall-qerda, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard u taż-żoonoży.	+/- 1.4 miljun	+/- 120	170	+/- 120	168	+/- 120	166	+/- 120	163	+/- 120	159	+/- 120	158	+/-120	157	+/- 840	1,141
- Riżultat	Miżuri veterinarji oħra u xiri ta' vaċċini/antiġeni	+/- 2,38 miljun	+/- 5	10	+/- 5	10,5	+/- 5	11	+/- 5	12	+/- 5	12,5	+/- 5	13,5	+/- 5	14	+/- 35	83,5
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2				**180,0**		**178,5**		**177,0**		**175,0**		**171,5**		**171,5**		**171**		**1,224.5.**

OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3 - Jingħata kontribut għall-individwazzjoni f'waqtha tal-pesti u l-qerda tagħhom fejn dawk il-pesti jkunu daħlu fl-Unjoni

Objettivi u riżultati			Sena 2014		Sena 2015		Sena 2016		Sena 2017		Sena 2018		Sena 2019		Sena 2020		TOTAL	
	RIŻULTATI																	
	Tip ta' riżultat	Spiża medja tar-riżultat	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd totali ta' riżultati	Spiża totali
- Riżultat	Programmi ta' sorveljanza	+/-0,9	5	5,0	13	9,0	16	13,0	20	18,0	24	24,0	27	27,0	31	29,0	136	125,0
- Riżultat	Żrieragħ	0,600	-	-	2	1,0	2	1,0	2	1,0	2	1,0	2	1,5	2	1,5	12	7,0
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 3				**5,0**		**10,0**		**14,0**		**19,0**		**25,0**		**28,5**		**30,5**		**132,0**

OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 4 – Jingħata kontribut għat-titjib tal-effikaċja, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-kontrolli

Objettivi u riżultati			Sena 2014		Sena 2015		Sena 2016		Sena 2017		Sena 2018		Sena 2019		Sena 2020		TOTAL	
	RIŻULTATI																	
	Tip ta' riżultat	Spiża medja tar-riżultat	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd totali ta' riżultati	Spiża totali
- Riżultat	Laboratorji u ċentri	0,330	45	15	45	15,5	47	16	48	16,5	51	17	55	18	56	18,8	345	116,8
Riżultat	BTSF	0,150	95	15	100	15,5	105	16	105	16,5	116	17,5	122	18	127	19	770	117,5
- Riżultat	Komunikazzjoni	0,25	8	2,0	8	2,0	8	2,0	10	2,5	10	2,5	10	2,70	10	2,70	64	16,4
- Riżultat	Esperti nazzjonali	0,005	125	0,5	125	0,5	125	0,6	125	0,6	125	0,7	125	0,7	125	0,7	875	4,3
- Riżultat	Sistemi ta' twissija u għodod tal-IT	1,300	6	8	7	8	7	8,5	7	9	7	9,5	7	10	8	10	49	63,0
- Riżultat	Ġbir tad-dejta	0,500	4	2	5	2,5	6	3	7	3,5	9	4,5	9	4,5	9	4,5	49	24,5
- Riżultat	Organizzazzjonijiet internazzjonali	0,370	3	1,0	3	1,0	4	1,5	4	1,5	4	1,5	4	1,8	6	2,0	28	10,3
- Riżultat	Studji u evalwazzjoniji	0,300	7	2,224	7	2,360	9	2,901	10	3,358	12	4,320	12	4,321	13	4,462	70	23,946

	et																	
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 4			**45,724**		**47,360**		**50,401**		**53,558**		**57,520**		**60,021**		**62,162**		**376,746**	

OBJETTIVI SPEĊIFIĊI Nru 2 u 3 - Miżuri ta' emerġenza marbuta mas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti

Objettivi u riżultati			Sena 2014		Sena 2015		Sena 2016		Sena 2017		Sena 2018		Sena 2019		Sena 2020		TOTAL	
	RIŻULTATI																	
	Tip ta' riżultat	Spiża medja tar-riżultat	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd ta' riżultati	Spiża	Għadd totali ta' riżultati	Spiża totali
Riżultat	Emerġenzi saħħa tal-annimali u saħħa tal-pjanti		*	20,0	*	20,0	*	20,0	*	20,0	*	20,0	*	20,0	*	20,0	*	140,0
Subtotal għal objettiv speċifiku Nru 2 u 3				**20**		**20**		**20**		**20**		**20**		**20**		**20**		**140**

* għadd ta’ riżultati mhux magħrufa: skont l-għadd ta' tifqigħat

	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	TOTAL
SPIŻA TOTALI	**250,724**	**255,860**	**261,401**	**267,558**	**274,020**	**280,021**	**283,662**	**1,873,246**

Ta' min ifakkar li l-ammonti msemmija taħt il-punt 3.2.2 huma ammonti massimi u l-ħtiġijiet annwali se jiġu evalwati kull sena fil-limitu tal-ammont massimu globali.

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	3,349	3,349	3,349	3,349	3,349	3,349	3,349	**23,446**
Nefqa amministrattiva oħra	6,121	6,243	6,368	6,495	6,625	6,758	6,893	**45,503**
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**9,470**	**9,593**	**9,717**	**9,845**	**9,975**	**10,107**	**10,242**	**68,949**

'Il barra mill-INTESTATURA 5[38] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	xx	xx	xx	xx	xx	xx	xx	**xx**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	xx	xx	xx	xx	xx	xx	xx	**xx**
Subtotal 'il barra mill-INTESTATURA 5	**2,670**	**2,670**	**2,670**	**2,670**	**2,670**	**2,670**	**2,670**	**18,690**

[38] L-għajnuna u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (il-linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

tal-qafas finanzjarju plurieannali								

TOTAL	**12,141**	**12,263**	**12,388**	**12,515**	**12,645**	**12,778**	**12,913**	**87,640**

Iċ-ċifri ta' hawn fuq se jiġu aġġustati skont ir-riżultati tal-proċess ta' esternalizzazzjoni previst.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa punt deċimali wieħed)

	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	24,5	24,5	24,5	24,5	24,5	24,5	24,5
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (Ekwivalenti ta' unità Full Time: FTE)[39]							
XX 01 02 01 (AK, INT, ENS mill-"qafas finanzjarju globali")	2	2	2	2	2	2	2
XX 01 02 02 (AK, INT, JED, AL u ENS fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 ***ss*** [40] - fil-Kwartieri Ġenerali[41]							
XX 01 04 ***ss*** [40] - fid-delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (AK, INT, ENS – Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AK, INT, ENS – Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL	**26,5**	**26,5**	**26,5**	**26,5**	**26,5**	**26,5**	**26,5**

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Bħalissa l-ġestjoni tan-nefqa fil-qasam tal-katina alimentari, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, u tas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti (in-nefqa fil-qasam tal-ikel u l-għalf) koperta mill-proposta SANCO/11220/2012 Rev.1 hija mwettqa minn 28,5 FTE. Madankollu huwa mistenni li mill-2014 'il quddiem 26,5 FTE se jkunu biżżejjed. Dan in-numru jinkludi persunal biss ta' DĠ SANCO.

Dawn iċ-ċifri jirreferu biss għall-persunal għall-ġestjoni tan-nefqa fil-qasam tal-"ikel u l-għalf" u, għalhekk, il-persunal inkarigat mill-implimentazzjoni operazzjonali tal-politiki settorjali mhuwiex inkluż. Madankollu, ir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv għall-politiki settorjali (is-saħħa tal-annimali, il-pesti, il-materjali riproduttivi tal-pjanti u l-kontrolli) li huma proposti wkoll fl-istess waqt bħal dan ir-regolament tal-qafas finanzjarju, ma għandha l-ebda impatt ieħor fuq ir-riżorsi finanzjarji u umani għajr dak indikat f'din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva komuni.

[39] AK= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija ("*Intérimaire*"); JED= "*Jeune Expert en Délégation*" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); AL= Aġent Lokali; ENS = Espert Nazzjonali Ssekondat.

[40] Taħt il-limitu massimu għal persunal estern minn approprjazzjonijiet operazzjonali (il-linji "BA" preċedenti).

[41] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu sodisfatti mill-persunal tad-DĠ li diġà huwa assenjat bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie allokat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	• Koordinazzjoni, abbozzar u organizzazzjoni tal-proċedura ta' adozzjoni għall-programmi ta' ħidma annwali (deċiżjonijiet ta' finanzjament), inkluża l-konsultazzjoni ta' kumitat tal-Istati Membri • Segwitu / monitoraġġ tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet finanzjarji skont ir-regoli baġitarji u finanzjarji fis-seħħ; kontribuzzjoni għar-rapporti tal-attivitajiet • Preparazzjoni u manutenzjoni tal-għodda tal-informazzjoni; provvista tal-informazzjoni għal awditjar intern u estern • Twaqqif u verifika tal-pagamenti, l-impenji, u l-fajls tal-akkwist/għotja; jiġi żgurat li dawn jikkonformaw mat-termini tal-kuntratt, u mar-regoli/regolamenti finanzjarji • Assigurazzjoni ta' kontabbiltà xierqa tat-tranżazzjonijiet finanzjarji • Monitoraġġ tal-iskadenzi tal-pagamenti skont ir-regolamentazzjoni u r-regoli finanzjarji kif ukoll tal-flussi tax-xogħol tal-fajls finanzjarji individwali • Preparazzjoni u provvista ta' taħriġ lill-organizzazzjonijiet esterni rigward l-applikazzjonijiet għas-sejħiet għal proposti • Komunikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti lill-kuntratturi u lill-benefiċjarji matul iż-żmien tal-proġett • Tnedija, ġestjoni u monitoraġġ tas-sejħiet għal proposti/offerti, evalwazzjoni u għażla tal-proġetti • Jingħata segwitu għall-implimentazzjoni tal-proġetti u l-prestazzjoni tal-maniġers u l-imsieħba tal-proġett, il-monitoraġġ tal-obbligi kuntrattwali • Monitoraġġ tal-iskadenzi tal-pagamenti skont ir-regolamentazzjoni u r-regoli finanzjarji kif ukoll tal-flussi tax-xogħol tal-fajls finanzjarji individwali • Verifika tal-konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli ta' Implimentazzjoni, ir-regoli interni dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit, l-Att Bażiku, id-deċiżjoni ta' Finanzjament u regoli oħra relatati u d-dispożizzjonijiet baġitarji fit-tranżazzjonijiet finanzjarji • Verifika tal-ftehim ta' għotja/kuntratt mal-benefiċjarju/kuntrattur magħżul, u l-ġustifikazzjoni tiegħu • Verifika li l-metodoloġija, inklużi l-kriterji tal-eliġibbiltà, l-għażla u l-għotja ġew applikati korrettament fil-proċess tal-għażla u li l-proċess tal-għażla twettaq skont ir-regoli • Verifika tal-korrettezza tal-proċessi ta' impenn
Persunal estern	• Preparazzjoni u manutenzjoni tal-għodda tal-informazzjoni; provvista tal-informazzjoni għal awditjar intern u estern • Twaqqif u verifika tal-pagamenti, l-impenji, u l-fajls tal-akkwist/għotja; jiġi żgurat li dawn jikkonformaw mat-termini tal-kuntratt, u mar-regoli/regolamenti finanzjarji • Assigurazzjoni ta' kontabbiltà xierqa tat-tranżazzjonijiet finanzjarji • Monitoraġġ tal-iskadenzi tal-pagamenti skont ir-regolamentazzjoni u r-regoli finanzjarji kif ukoll tal-flussi tax-xogħol tal-fajls finanzjarji individwali • Preparazzjoni u provvista ta' taħriġ lill-organizzazzjonijiet esterni rigward l-applikazzjonijiet għas-sejħiet għal proposti • Komunikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti lill-kuntratturi u lill-benefiċjarji matul iż-żmien tal-proġett • Tnedija, ġestjoni u monitoraġġ tas-sejħiet għal proposti/offerti, evalwazzjoni u għażla tal-proġetti • Jingħata segwitu għall-implimentazzjoni tal-proġetti u l-prestazzjoni tal-

	maniġers u l-imsieħba tal-proġett, il-monitoraġġ tal-obbligi kuntrattwali • Monitoraġġ tal-iskadenzi tal-pagamenti skont ir-regolamentazzjoni u r-regoli finanzjarji kif ukoll tal-flussi tax-xogħol tal-fajls finanzjarji individwali • Verifika tal-konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli ta' Implimentazzjoni, ir-regoli interni dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit, l-Att Bażiku, id-deċiżjoni ta' Finanzjament u regoli oħra relatati u d-dispożizzjonijiet baġitarji fit-tranżazzjonijiet finanzjarji • Verifika tal-ftehim ta' għotja/kuntratt mal-benefiċjarju/kuntrattur magħżul, u l-ġustifikazzjoni tiegħu • Verifika li l-metodoloġija, inklużi l-kriterji tal-eliġibbiltà, l-għażla u l-għotja ġew applikati korrettament fil-proċess tal-għażla u li l-proċess tal-għażla twettaq skont ir-regoli • Verifika tal-korrettezza tal-proċessi ta' impenn

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali mill-2014 sal-2020 kif propost mill-Kummissjoni.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi riprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. MHUX APPLIKABBLI

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[42].

Spjega dak li huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. MHUX APPLIKABBLI

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

[42] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul mixxellanju

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjon ijiet disponibbli għas-sena baġitarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[43]						
		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020
Artikolu …….								

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

MHUX APPLIKABBLI

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

MHUX APPLIKABBLI

[43] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, it-taxxi fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li minnhom jitnaqqsu 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.